SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

12 ta' Jannar 2023*

"Appell – Kompetizzjoni – Akkordji – Settur tal-derivattivi tar-rata tal-imgħax f'Euro – Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE – Manipulazzjoni tar-rati ta' riferiment interbankarji tal-Euribor – Skambju ta' informazzjoni kunfidenzjali – Restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan – Klassifikazzjoni – Teħid inkunsiderazzjoni tal-effetti favur il-kompetizzjoni – Ksur uniku u kontinwu – 'Proċedura ibrida' li wasslet suċċessivament għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' riżolviment u ta' deċiżjoni fi tmiem proċedura ordinarja – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikolu 41 – Dritt għal amministrazzjoni tajba – Artikolu 48 – Preżunzjoni ta' innoċenza"

Fil-Kawża C-883/19 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fit-3 ta' Diċembru 2019,

HSBC Holdings plc, stabbilita f'Londra (ir-Renju Unit),

HSBC Bank plc, stabbilit f'Londra,

HSBC Continental Europe, li kienet HSBC Franza, stabbilita f'Pariġi (Franza),

irrappreżentati minn C. Angeli, avukat, K. Bacon, KC, D. Bailey, barrister, M. Demetriou, KC, M. Giner, avukata, u M. Simpson, solicitor

appellanti,

sostnuti minn:

Crédit agricole SA,

Crédit agricole Corporate and Investment Bank,

stabbiliti f'Montrouge (Franza), irrappreżentati minn J. Jourdan, J.-J. Lemonnier, A. Sieffert-Xuriguera u J.-P. Tran Thiet, avukati,

JPMorgan Chase & Co., stabbilita fi New York (l-Istati Uniti),

JPMorgan Chase Bank, National Association, stabbilita f'Columbus, Ohio (l-Istati Uniti),

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

irrappreżentati minn D. Das, N. English, N. French, N. Frey, solicitors, D. Heaton, barrister, A. Holroyd, D. Hunt, solicitors, M. Lester, KC, A. Ojukwu, solicitor, D. Piccinin, barrister, L. Ream, solicitor, D. Rose, KC, u B. Tormey, solicitor,

intervenjenti fl-appell,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn P. Berghe, M. Farley u F. van Schaik, bħala aġenti,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn K. Jürimäe (Relatriċi), Presidenta tal-Awla, M. Safjan, N. Piçarra, N. Jääskinen u M. Gavalec, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Emiliou,

Reġistratur: M. Longar, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-26 ta' Jannar 2022,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2022,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħhom, HSBC Holdings plc, HSBC Bank plc u HSBC Continental Europe, li qabel kienet HSBC France (iktar 'il quddiem, flimkien, il-"kumpanniji HSBC"), jitolbu l-annullament parzjali tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-24 ta' Settembru 2019, HSBC Holdings *et* vs Il-Kummissjoni (T-105/17, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2019:675), li permezz tagħha din annullat l-Artikolu 2(b) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2016) 8530 final tas-7 ta' Diċembru 2016 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 [TFUE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39914 — Derivattivi tar-Rati tal-Imgħax f'Euro), (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża"), u ċaħdet il-kumplament tar-rikors tagħhom.

Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew esposti mill-Qorti Ġenerali fil-punti 1 sa 29 tas-sentenza appellata. Għall-finijiet ta' din il-proċedura, dawn jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

3 Permezz tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni Ewropea kkonstatat li l-kumpanniji HSBC kienu kisru l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 52, p. 3, iktar 'il quddiem

il-"Ftehim ŻEE") billi mit-12 ta' Frar sas-27 ta' Marzu 2007 pparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu li kellu bħala skop it-tibdil tal-kors normali tal-iffissar tal-prezzijiet fis-suq tad-derivattivi tar-rata tal-imgħax f'Euro (Euro Interest Rate Derivative (EIRD)) relatati mal-"Euro Interbank Offered Rate" (Euribor) u/jew mal-"Euro Over-Night Index Average" (EONIA) u imponiet fuqhom *in solidum* multa fl-ammont ta' EUR 33 606 000.

4 Il-grupp HSBC (iktar 'il quddiem "HSBC") huwa grupp bankarju li waħda mill-attivitajiet tiegħu hija bank ta' investiment, ta' finanzjament u tas-swieq. HSBC Holdings, il-kumpannija li teżerċita kontroll ta' HSBC, hija l-kumpannija omm ta' HSBC France, li saret HSBC Continental Europe, u din tal-aħħar hija l-kumpannija omm ta' HSBC Bank. HSBC France u HSBC Bank kienu responsabbli min-negozjati tal-EIRD. HSBC France kienet responsabbli għas-sottomissjonijiet tar-rati lill-bord tal-Euribor.

5 Fl-14 ta' Ġunju 2011, il-grupp bankarju Barclays, li jgħaqqad lil Barclays plc, Barclays Bank plc, Barclays Directors Ltd, Barclays Group Holding Ltd, Barclays Capital Services Ltd u Barclays Services Jersey Ltd (iktar 'il quddiem "Barclays") ressaq quddiem il-Kummissjoni talba għall-għoti ta' marker skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-Immunità minn multi u tnaqqis ta' multi f'każijiet ta' kartell (ĠU 2006, C 298, p. 17), u informaha bl-eżistenza ta' kartell fis-settur EIRD u wera x-xewqa tiegħu li jikkoopera ma' din l-istituzzjoni. Fl-14 ta' Ottubru 2011, Barclays ingħata immunità kundizzjonata.

6 Bejn it-18 u l-21 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni wettqet xi spezzjonijiet fil-bini ta' ċertu numru ta' stabbilimenti finanzjarji f'Londra (ir-Renju Unit) u f'Pariġi (Franza), fosthom f'dawk tal-kumpanniji HSBC.

7 Fil-5 ta' Marzu u d-29 ta' Ottubru 2013, b'applikazzjoni tal-Artikolu 11(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 [KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205), il-Kummissjoni bdiet proċedura ta' ksur fil-konfront tal-kumpanniji HSB, ta' Barclays, ta' Crédit agricole SA u ta' Crédit agricole Corporate and Investment Bank (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, il-"kumpanniji tal-Crédit agricole"), ta' Deutsche Bank AG, ta' Deutsche Bank Services (Jersey) Ltd u ta' DB Group Services (UK) Ltd (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, "Deutsche Bank"), ta' JP Morgan Chase & Co., ta' JP Morgan Chase Bank National Association u ta' JP Morgan Services LLP (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, il-"kumpanniji JP Morgan Chase"), ta' Royal Bank of Scotland plc u ta' the Royal Bank of Scotland Group plc (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, "RBS") u tas-Société générale.

8 Barclays, Deutsche Bank, is-Société générale u RBS xtaqu jipparteċipaw fi proċedura għar-riżolviment b'applikazzjoni tal-Artikolu 10a tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skond l-Artikol[i 101] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 81). Il-kumpanniji HSBC, il-kumpanniji tal-Crédit agricole u l-kumpanniji JP Morgan Chase ddeċidew li ma jipparteċipawx f'din il-proċedura għar-riżolviment.

9 Fl-4 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni adottat fir-rigward ta' Barclays, ta' Deutsche Bank, tas-Société générale u ta' RBS id-Deċiżjoni C (2013) 8512 final, li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 [TFUE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (il-Każ AT.39914 — Derivattivi tar-Rati tal-Imgħax f'Euro (EIRD) (Riżolviment) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' riżolviment), li

permezz tagħha hija kkonkludied li dawn l-impriżi kienu kisru l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE billi pparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu li kellu l-iskop li jbiddel il-kors normali tal-iffissar tal-prezzijiet fis-suq tal-EIRD.

Il-proċedura amministrattiva

10 Fid-19 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni bagħtet dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet lill-kumpanniji HSBC, lill-kumpanniji tal-Crédit agricole u lill-kumpanniji JP Morgan Chase.

11 Il-kumpanniji HSBC setgħu jikkonsultaw fuq DVD il-partijiet aċċessibbli tal-fajl tal-Kummissjoni u r-rappreżentanti tagħhom ibbenefikaw minn aċċess addizzjonali għall-fajl fil-bini tal-Kummissjoni. Huma kellhom ukoll aċċess għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet indirizzata lill-partijiet li waslu għal riżolviment, għar-risposti ta' dawn il-partijiet, kif ukoll għad-deċiżjoni ta' riżolviment.

12 Fl-14 ta' Novembru 2014, il-kumpanniji HSBC ippreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom wara d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u esprimew ruħhom fis-smigħ li nżamm bejn il-15 u s-17 ta' Ġunju 2015.

13 Fis-6 ta' April 2016, il-Kummissjoni rrettifikat id-deċiżjoni ta' riżolviment f'dak li jirrigwarda d-determinazzjoni tal-ammont tal-multa imposta fuq is-Société générale. Il-kumpanniji HSBC kellhom aċċess għal din id-deċiżjoni ta' rettifika kif ukoll għall-korrispondenza relatata magħha u għad-data finanzjarja rrettifikata sottomessa mis-Société générale.

Id-deċiżjoni kontenzjuża

14 Fis-7 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kontenzjuża. L-Artikolu 1(b) u l-Artikolu 2(b) ta' din id-deċiżjoni huma fformulati kif ġej:

"Artikolu 1

L-impriżi li ġejjin kisru l-Aritkolu 101 [TFUE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE billi pparteċipaw, fil-perijodi indikati, fi ksur uniku u kontinwu li jikkonċerna derivattivi tar-rati tal-imgħax f'Euro. Dan il-ksur, li kien jestendi għaż-[Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)] kollha, kien jikkonsisti fi ftehimiet u/jew fi prattiki miftiehma li għandhom bħala għan id-distorsjoni tal-kors normali tal-komponenti tal-prezzijiet fis-settur tad-derivattivi tar-rati tal-imgħax f'Euro:

[…]

b) [il-kumpanniji HSBC] mit-12 ta' Frar 2007 sas-27 ta' Marzu 2007 […]

Artikolu 2

Il-multi li ġejjin għandhom jiġu imposti għall-ksur imsemmi fl-Artikolu 1:

[…]

b) [il-kumpanniji HSBC], responsabbli *in solidum*: EUR 33,606,000."

Il-prodotti inkwistjoni

15 Il-ksur inkwistjoni jirrigwarda l-EIRD, jiġifieri derivattivi tar-rati tal-imgħax f'Euro indiċjati fuq l-Euribor jew fuq l-EONIA.

16 L-Euribor hija serje ta' rati ta' imgħax ta' referenza intiża li tirrifletti l-ispejjeż tas-self interbankarju użat frekwentement fis-swieq internazzjonali tal-kapital. Hija ddefinita bħala indiċi tar-rati li d-depożiti interbankarji għal żmien fiss f'euro huma offruti minn bank ewlieni lil bank ewlieni ieħor fi ħdan iż-żona tal-euro. L-Euribor hija kkalkolata permezz tal-prezzijiet offruti ta' kuljum minn bord, kompost matul il-perijodu kkonċernat mid-deċiżjoni kontenzjuża minn 47 bank ewlieni – fosthom il-banek imsemmija fil-punt 7 tas-sentenza preżenti –u indirizzati lil Thomson Reuters bħala aġent tal-kalkolu tal-Federazzjoni Bankarja Ewropea (FBE) bejn l-10.45 u l-11.00 ta' filgħodu. Il-banek jipprovdu kontribuzzjonijiet għall-15-il rata tal-interessi differenti tal-Euribor, li jvarjaw, skont iż-żmien tagħhom, bejn ġimgħa u 12-il xahar. L-EONIA tissodisfa funzjoni ekwivalenti għall-Euribor, iżda f'dak li jirrigwarda r-rati ta' kuljum. Hija kkalkolata mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) abbażi ta' medja tar-rati għad-depożiti interbankarji mhux iggarantiti ("unsecured") mill-istess bord ta' banek bħal dak użat għall-iffissar tal-Euribor.

17 L-EIRD l-iktar frekwenti huma l-ftehimiet ta' rati futuri ("forward rate agreements"), l-iswaps ta' rati ta' interessi ("interest rate swaps"), l-għażliet dwar rati ta' interessi, u l-kuntratti għal żmien fiss ("futures") ta' rati ta' interessi.

Aġir ilmentat kontra l-kumpanniji HSBC

18 Fil-premessa 113 tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni ddeskriviet l-aġir ilmentat kontra l-banek imsemmija fil-punt 7 tas-sentenza preżenti bil-mod li ġej:

"Barclays, Deutsche Bank, [il-kumpanniji JP Morgan Chase], [is-]Société générale, [il-kumpanniji tal-Crédit agricole], [il-kumpanniji HSBC] u RBS ipparteċipaw f'arranġamenti fis-settur tal-EIRD li kkonsistew mill-prattiċi li ġejjin bejn il-partijiet differenti:

a) Xi drabi, ċerti negozjanti li kienu impjegati minn partijiet differenti kkomunikaw u/jew irċevew preferenzi għal iffissar mhux mibdul, baxx jew għoli ta' ċerti maturitajiet tal-EURIBOR. Dawn il-preferenzi ddependew fuq il-pożizzjonijiet ta' negozjar/skoperturi tagħhom.

b) Xi drabi, ċerti negozjanti ta' partijiet differenti kkomunikaw u/jew irċevew mingħand xulxin informazzjoni dettaljata, mhux magħrufa/disponibbli pubblikament dwar il-pożizzjonijiet ta' negozjar jew dwar l-intenzjonijiet għal sottomissjonijiet futuri tal-EURIBOR għal ċerti maturitajiet ta' mill-anqas wieħed mill-banek rispettivi tagħhom.

c) Xi drabi, ċerti negozjanti investigaw ukoll il-possibilitajiet li jallinjaw il-pożizzjonijiet ta' negozjar EIRD tagħhom fuq il-bażi ta' informazzjoni bħal din kif deskritt taħt (a) jew (b).

d) Xi drabi, ċerti negozjanti esploraw ukoll possibiltajiet biex jallinjaw tal-anqas waħda mis-sottomissjonijiet futuri EURIBOR tal-banek tagħhom fuq il-bażi ta' tali informazzjoni kif deskritt taħt (a) jew (b).

e) Xi drabi, tal-anqas wieħed min-negozjanti involuti f'diskussjonijiet bħal dawn ikkuntattja lis-sottomettenti tar-rati EURIBOR tal-bank rispettiv, jew iddikjara li kien biħsiebu jagħmel dan, biex jitlobhom jissottomettu lill-aġent inkarigat, sabiex jeżegwixxi l-kalkoli tal-EBF f'ċerta direzzjoni jew f'livell speċifiku.

f) Xi drabi, tal-anqas wieħed min-negozjanti involuti f'diskussjonijiet bħal dawn iddikjara li se jirrapporta lura, jew se jirrapporta lura għat-tweġiba ta-sottomettent qabel iż-żmien meta s-sottomissjonijiet ta' kuljum EURIBOR kellhom jiġu sottomessi lill-aġent tal-kalkoli jew, f'dawk l-istanzi fejn in-negozjant kien diġà ddiskuta dan mas-sottomettent, għadda l-informazzjoni riċevuta mis-sottomettent lin-negozjant ta' parti oħra.

g) Xi drabi, tal-anqas negozjant wieħed ta' parti żvela lil negozjant ta' parti oħra informazzjoni dettaljata u sensittiva dwar l-istrateġija ta' negozjar jew l-istrateġija tal-ippreżzar tal-bank tiegħu rigward l-EIRDs."

19 Fil-premessa 114 tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni żiedet tgħid dan li ġej: "[b]arra minn hekk, f'xi okkażjonijiet ċerti negozjanti impjegati minn partijiet differenti ddiskutew l-eżitu tal-iffissar tar-rata EURIBOR, inklużi sottomissjonijiet tal-banek speċifiċi, wara li jkunu ġew stabbiliti u ppubblikati r-rati EURIBOR ta' ġurnata".

20 Il-Kummissjoni qieset li dan l-aġir kien jikkostitwixxi ksur uniku u kontinwu.

21 Sabiex tiġġustifika din il-klassifikazzjoni, fl-ewwel lok, il-Kummissjoni argumentat li l-imsemmi aġir kellu għan ekonomiku uniku, kkostitwit mit-tnaqqis ta' flussi tal-flus li l-parteċipanti kien ikollhom iħallsu bħala EIRD jew permezz taż-żieda ta' dawk li huma kellhom jirċievu. Fit-tieni lok, hija qieset li l-aġir differenti kien jaqa' taħt skema ta' aġir komuni, peress li grupp stabbli ta' persuni kien involut fl-akkordju, li l-partijiet kienu segwew skema simili ħafna fl-attivitajiet antikompetittivi tagħhom u li d-diversi diskussjonijiet bejn il-partijiet kienu jkopru suġġetti identiċi jew li kienu jikkoinċidu u għalhekk kellhom kontenut identiku jew parzjalment identiku. Fit-tielet lok, hija qieset li n-negozjanti parteċipanti fl-iskambji antikompetittivi kienu professjonisti kkwalifikati u kellhom għarfien jew kien imisshom kellhom għarfien tal-portata ġenerali u tal-karatteristiċi essenzjali tal-akkordju fit-totalità tiegħu.

22 Hija qieset li l-kumpanniji HSBC kienu pparteċipaw f'dan il-ksur uniku u kontinwu, filwaqt li enfasizzat li l-iskambji bilaterali ma' Barclays kienu huma stess jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE.

23 F'dak li jirrigwarda t-tul ta' din il-parteċipazzjoni, il-Kummissjoni ħadet bħala punt ta' tluq fil-konfront tal-kumpanniji HSBC, it-12 ta' Frar 2007 u bħala data ta' tmiem is-27 ta' Marzu 2007.

Il-kalkolu tal-ammont tal-multa

– *L-ammont bażiku tal-multa*

24 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, id-determinazzjoni tal-valur tal-bejgħ tal-banek li pparteċipaw fl-akkordju, sa fejn l-EIRD ma jiġġenerawx bejgħ fis-sens normali tal-kelma, il-Kummissjoni ddeterminat il-valur tal-bejgħ permezz ta' valur ta' sostituzzjoni. Barra minn hekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, hija qieset li kien aħjar li ma jittieħidx inkunsiderazzjoni l-valur ta'

sostituzzjoni annwalizzat, iżda li wieħed jibbaża ruħu fuq il-valur ta' sostituzzjoni li jikkorrispondi għax-xhur ta' parteċipazzjoni tal-banek fil-ksur. Hija fakkret li ma kinitx obbligata tapplika formula matematika u li kellha marġni ta' diskrezzjoni meta tiddetermina l-ammont ta' kull multa.

25 Il-Kummissjoni qieset xieraq li tieħu bħala valur ta' sostituzzjoni d-dħul tal-flus iġġenerat mill-flussi tal-flus li kull bank kiseb mill-portafoll ta' EIRD tiegħu marbut ma' kull maturità Euribor u/jew EONIA u konkluż ma' kontropartijiet stabbiliti fiż-ŻEE li għalihom ġie applikat fattur ta' tnaqqis uniformi ta' 98.849 %.

26 Huwa għalhekk li l-Kummissjoni ħadet bħala valur tal-bejgħ fir-rigward tal-kumpanniji HSBC l-ammont ta' EUR 192 081 799.

27 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, il-gravità tal-ksur, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni fattur ta' gravità ta' 15 % sa fejn il-ksur irrigwarda l-koordinazzjoni tal-prezzijiet u tal-ftehimiet ta' ffissar tal-prezz. Hija żiedet fattur ta' gravità ta' 3 % billi għamlet riferiment għaċ-ċirkustanza li l-akkordju kien ikkonċerna ż-ŻEE kollha u kien irrigwarda rati rilevanti għall-EIRD kollha u li l-imsemmija rati, li jirrigwardaw l-euro, kellhom importanza fundamentali għall-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet finanzjarji fis-suq intern u għall-attivitajiet bankarji fl-Istati Membri.

28 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, it-tul tal-ksur, il-Kummissjoni enfasizzat li ħadet inkunsiderazzjoni t-tul tal-parteċipazzjoni ta' kull parteċipant fl-akkordju f'"numru ta' xhur imqarrba lejn l-inqas numru u fuq bażi prorata", li wassal għall-applikazzjoni għall-kumpanniji HSBC ta' koeffiċjenti ta' multiplikazzjoni ta' 0.08 %.

29 Fir-raba' lok, il-Kummissjoni żiedet ammont addizzjonali ta' 18 % tal-valur tal-bejgħ, ikklassifikat bħala "imposta ta' dħul" sa fejn il-ksur ikkonsista f'iffissar orizzontali tal-prezzijiet, sabiex l-impriżi jiġu skoraġġuti milli jipparteċipaw f'tali prattiki, indipendentement mit-tul tal-ksur.

30 Il-Kummissjoni għaldaqstant stabbilixxiet l-ammont bażiku tal-multa tal-kumpanniji HSBC għal EUR 37 340 000.

– *L-ammont finali tal-multa*

31 Il-Kummissjoni qieset li l-kumpanniji HSBC kellhom irwol iktar marġinali jew żgħir fil-ksur li ma setax jiġi pparagunat ma' dak tal-atturi prinċipali u ngħataw tnaqqis ta' 10 % tal-ammont bażiku tal-multa. Konsegwentement, fl-Artikolu 2(b) tad-deċiżjoni kontenzjuża, hija imponiet fuq dawn il-kumpanniji multa ta' ammont finali ta' EUR 33 606 000.

Ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

32 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-17 ta' Frar 2017, il-kumpanniji HSBC ippreżentat rikors intiż għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni kontenzjuża.

33 Fil-kuntest tar-rikors tagħhom, il-kumpanniji HSBC ippreżentaw kemm talbiet għall-annullament tal-Artikolu 1 u tal-Artikolu 2(b) tad-deċiżjoni kontenzjuża kif ukoll, sussidjarjament, talbiet għall-bidla tal-ammont tal-multa imposta mill-imsemmi Artikolu 2(b).

34 Fl-ewwel lok, insostenn tat-talbiet tagħhom għall-annullament tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kontenzjuża u, sussidjarament, tal-Artikolu 1(b) ta' din id-deċiżjoni, il-kumpanniji HSBC qajmu ħames motivi.

35 Dawn il-motivi kienu jikkonċernaw, rispettivament:

– il-klassifikazzjoni bħala ksur minħabba l-għan adottata mill-Kummissjoni (l-ewwel motiv).

– il-klassifikazzjoni bħala ksur uniku u kontinwu adottata mill-Kummissjoni (it-tieni sar-raba' motivi), b'mod partikolari l-konklużjoni tagħha li l-ftehimiet kollużivi stabbiliti mill-kumpanniji HSBC u l-partijiet l-oħra kienu jifformaw parti minn pjan ġenerali li kellu għan uniku (it-tieni motiv), l-intenzjoni tal-kumpanniji HSBC li jikkontribwixxu għal dan l-għan (it-tielet motiv) u l-għarfien tagħhom tal-aġir tal-parteċipanti l-oħra fil-ksur (ir-raba' motiv), u

– il-ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza u tad-dritt għal amministrazzjoni tajba kif ukoll tad-drittijiet tad-difiża tal-kumpanniji HSBC, sa fejn id-deċiżjoni kontenzjuża kienet ġiet adottata wara deċiżjoni ta' riżolviment li fiha l-Kummissjoni kienet diġà ħadet pożizzjoni dwar il-parteċipazzjoni ta' dawn il-kumpanniji fil-ksur inkwistjoni (il-ħames motiv).

36 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-imsemmija motivi kollha.

37 Fir-rigward tal-ewwel motiv, dwar il-klassifikazzjoni bħala ksur minħabba l-għan fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ewwel parti ta' dan il-motiv, li tikkontesta din il-klassifikazzjoni applikata għall-manipulazzjoni tal-Euribor tad-19 ta' Marzu 2007. F'dan ir-rigward, fil-punti 93 u 94 tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni ma kienet wettqet ebda żball ta' liġi jew ta' evalwazzjoni meta rrilevat li l-aġir kollu deskritt fil-premessa 392 tad-deċiżjoni kontenzjuża, li jinkludi l-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007, kien jirrestrinġi l-kompetizzjoni billi joħloq asimetrija ta' informazzjoni bejn l-atturi tas-suq, peress li l-parteċipanti fil-ksur, minn naħa, kienu f'pożizzjoni aħjar sabiex ikunu jafu minn qabel b'ċerta preċiżjoni l-livell li fih l-Euribor kienet jew kellha tiġi ffissata mill-kompetituri tagħhom li kienu qegħdin jaġixxu f'kollużjoni u, min-naħa l-oħra, kienu jafu jekk l-Euribor kinitx iffissata f'livell artifiċjali jew le.

38 Fir-rigward tat-tieni parti tal-imsemmi motiv, dwar il-klassifikazzjoni bħala ksur minħabba l-għan applikata għall-aġir l-ieħor ilmentat kontra l-kumpanniji HSBC, il-Qorti Ġenerali eżaminat, fl-ewwel lok, il-fondatezza ta' din il-klassifikazzjoni relatata mal-iskambji fuq il-prezzijiet medjani (mids) u ddeċidiet li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet żball meta rrilevat li dawn l-iskambji li jinsabu fid-diskussjonijiet tal-14 u tas-16 ta' Frar 2007 kellhom għan li jirrestrinġi l-kompetizzjoni. Sussegwentement, hija eżaminat l-ilment li jikkontesta l-fondatezza tal-klassifikazzjoni bħala restrizzjoni minħabba l-għan applikata għall-iskambji fuq pożizzjonijiet ta' negozjar. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, essenzjalment, li l-parti l-kbira tad-diskussjonijiet fuq il-pożizzjonijiet ta' negozjar li n-negozjanti tal-kumpanniji HSBC kienu pparteċipaw fihom, jiġifieri dawk tat-12, tat-13 u tat-28 ta' Frar kif ukoll dik tad-19 ta' Marzu 2007, kellhom konnessjoni mal-manipulazzjoni tal-Euribor tad-19 ta' Marzu 2007, b'tali mod li l-Kummissjoni kienet ġustament adottat il-klassifikazzjoni bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan fir-rigward tagħhom. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali qieset li d-diskussjonijiet tad-9 u tal-14 ta' Marzu 2007, individwalment jew flimkien, ma setgħux jitqiesu li għandhom għan li jirrestrinġi l-kompetizzjoni, fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE, sa fejn, minn naħa, dawn id-diskussjonijiet ma kinux seħħew fir-rigward tal-manipulazzjoni tal-Euribor tad-

19 ta' Marzu 2007 u, min-naħa l-oħra, ma kinux naqqsu jew eliminaw il-livell ta' inċertezza fis-suq b'tali mod li l-Kummissjoni setgħet tiddeduċi minn dan li kien hemm effett fuq il-kors normali tal-komponenti tal-prezz fis-settur tal-EIRD, mingħajr ma jiġu eżaminati l-effetti tagħhom.

39 Għal dak li jikkonċerna t-tieni sar-raba' motivi, dwar il-klassifikazzjoni bħala ksur uniku u kontinwu applikata mill-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali, qabelxejn, ċaħdet it-tieni motiv, li jikkontesta l-eżistenza ta' "pjan ġenerali" li għandu għan uniku. Sussegwentement, hija eżaminat ir-raba' motiv, li jikkontesta l-għarfien, mill-kumpanniji HSBC, tal-aġir li jikkostitwixxi ksur tal-parteċipanti l-oħra. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali għamlet distinzjoni bejn, minn naħa, il-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 u l-possibbiltà tar-repetizzjoni tagħha u, min-naħa l-oħra, l-aġir l-ieħor meħud inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni bħala l-ksur uniku. Fil-punt 273 tas-sentenza appellata, hija kkonludiet li l-parteċipazzjoni tal-kumpanniji HSBC fi ksur uniku u kontinwu setgħet titqies biss fil-konfront, minn naħa, tal-aġir rispettiv tagħhom fl-imsemmi ksur u, min-naħa l-oħra, tal-aġir tal-banek l-oħrajn li jagħmlu parti mill-qafas tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 u tar-repetizzjoni possibbli tagħha. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-tielet motiv, relatat mal-intenzjoni tal-kumpanniji HSBC li jipparteċipaw fil-ksur uniku u kontinwu, peress li, fir-rigward tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 u tar-repetizzjoni tagħha, l-intenzjoni li jipparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu tirriżulta b'mod ċar mill-provi prodotti mill-Kummissjoni.

40 Għal dak li jikkonċerna l-ħames motiv, ibbażat fuq żball ta' liġi u fuq ksur tal-forom proċedurali sostanzjali fid-dawl tal-iżvolġiment tal-proċedura, il-Qorti Ġenerali ċaħditu bħala ineffettiv fil-punti 283 sa 293 tas-sentenza appellata.

41 Fit-tieni lok, il-kumpanniji HSBC ifformulaw motiv intiż li jikkontesta l-legalità tal-Artikolu 2(b) tad-deċiżjoni kontenzjuża li permezz tiegħu l-Kummissjoni imponitilhom multa minħabba l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ksur uniku u kontinwu. Il-Qorti Ġenerali qieset li dan il-motiv seta' jinqasam f'erba' partijiet, peress li dawn il-kumpanniji kienu qegħdin jikkontestaw, l-ewwel, l-użu ta' rċevuti ta' flus skontati sabiex jiġi ddeterminat l-valur tal-bejgħ, it-tieni, il-fattur ta' gravità applikat, it-tielet, l-ammont addizzjonali applikat u, ir-raba', l-evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi attenwanti. L-imsemmija kumpanniji talbu, prinċipalment, l-annullament tal-Artikolu 2(b) tad-deċiżjoni kontenzjuża u, sussidjarjament, tnaqqis tal-ammont tal-multa li kienet ġiet imposta fuqhom.

42 Fil-kuntest tal-ewwel parti ta' dan il-motiv, il-kumpanniji HSBC jikkritikaw lill-Kummissjoni li bbażat il-valur tal-bejgħ riċevuti ta' flus skontati skont l-EIRD riċevut minnhom matul il-perijodu tal-ksur, li għalih ġie applikat fattur ta' 98.849 %. Il-Qorti Ġenerali qieset li din il-parti setgħet tinqasam fi tliet ilmenti bbażati, l-ewwel wieħed, fuq in-natura żbaljata tal-użu ta' riċevuti ta' flus skontati, it-tieni wieħed, fuq in-natura żbaljata tat-teħid inkunsiderazzjoni tar-riċevuti ta' flus skontati li jirriżultaw minn kuntratti konklużi qabel il-bidu tal-parteċipazzjoni tal-kumpanniji HSBC fil-ksur u, it-tielet wieħed, fuq motivazzjoni insuffiċjenti tal-fattur ta' tnaqqis ta' 98.849 % applikat mill-Kummissjoni.

43 Il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ewwel u t-tieni lment tal-imsemmija parti. Min-naħa l-oħra, hija laqgħet it-tielet ilment tal-istess parti, ibbażat fuq motivazzjoni insuffiċjenti tal-fattur ta' tnaqqis ta' 98.849 % applikat mill-Kummissjoni u, konsegwentement, annullat l-Artikolu 2(b) tad-deċiżjoni kontenzjuża u ċaħdet il-kumplament tar-rikors.

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

44 Permezz tal-appell tagħhom, il-kumpanniji HSBC jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla l-punt 2 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata;

– tannulla l-Artikolu 1(b) tad-deċiżjoni kontenzjuża u, sussidjarjament, dan l-Artikolu 1(b) sa fejn isemmi l-parteċipazzjoni tal-kumpanniji HSBC fi ksur uniku u kontinwu wara d-19 ta' Marzu 2007, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż sostnuti fil-kuntest tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja.

45 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell u tikkundanna lill-kumpanniji HSBC għall-ispejjeż kollha.

46 Permezz ta' digrieti tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Lulju 2020, HSBC Holdings *et* vs Il-Kummissjoni (C-883/19 P, EU:C:2020:561), u HSBC Holdings *et* vs Il-Kummissjoni (C-883/19 P, mhux ippubblikat, EU:C:2020:601), it-talbiet tal-kumpanniji tal-Crédit agricole u tal-kumpanniji JP Morgan Chase intiżi sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-kumpanniji HSBC intlaqgħu.

47 Permezz ta' digriet tal-Presidenta tat-Tielet Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Awwissu 2022, J. P. Morgan Services LLP, fi stralċ, tħassret mill-kwalità tagħha bħala intervenjenti fil-kawża. Minn din id-data, il-"kumpanniji JP Morgan Chase" għandhom jinftiehmu bħala li jirreferu biss għal JP Morgan Chase u Co. u JP Morgan Chase Bank, National Association.

Fuq it-talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali

48 Wara li nstemgħu l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, permezz ta' ittra tat-8 ta' Lulju 2022, il-kumpanniji HSBC talbu għall-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura. Insostenn tat-talba tagħhom, dawn il-kumpanniji jsostnu li dawn il-konklużjonijiet fihom żbalji fattwali jew jirrigwardaw ċerti aspetti ta' din il-kawża li jeħtieġu li jiġu diskussi sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tiddeċiedi b'mod definittiv f'din il-kawża.

49 Għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, din tal-aħħar tista', f'kull mument, wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, b'mod partikolari meta tqis li ma għandhiex informazzjoni biżżejjed jew meta waħda mill-partijiet tippreżenta, wara għeluq din il-fażi, fatt ġdid ta' natura li jeżerċita influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, jew inkella meta l-kawża jkollha tiġi deċiża fuq il-bażi ta' argument li ma kienx indirizzat mill-partijiet jew mill-partijiet ikkonċernati msemmija fl-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

50 Madankollu, fil-każ ineżami, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li hija għandha l-elementi kollha neċessarji sabiex tieħu deċiżjoni u li dawn l-elementi kienu ġew diskussi mill-partijiet.

51 Fir-rigward tal-argument tal-kumpanniji HSBC li l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fihom żbalji fattwali, għandu jitfakkar li l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u r-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja ma jipprevedux il-possibbiltà, għall-partijiet, li jippreżentaw

osservazzjonijiet b'risposta għall-konklużjonijiet ippreżentati mill-Avukat Ġenerali (sentenza tat-8 ta' Marzu 2017, Viasat Broadcasting UK vs Il-Kummissjoni, C-660/15 P, EU:C:2017:178, punt 13 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 Barra minn hekk, mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 252 TFUE jirriżulta li l-Avukat Ġenerali għandu r-rwol li jippreżenta pubblikament, bl-imparzjalità u l-indipendenza kollha, konklużjonijiet motivati fuq il-kawżi li jkunu jirrikjedu l-intervent tiegħu, bl-intiż li l-Qorti tal-Ġustizzja la hija marbuta b'dawn il-konklużjonijiet u lanqas bil-motivazzjoni tagħhom. Konsegwentement, in-nuqqas ta' qbil ta' parti mal-imsemmija konklużjonijiet, ikunu liema jkunu l-kwistjonijiet eżaminati fihom, ma jistax fih innifsu jikkostitwixxi raġuni li tiġġustifika l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura (sentenza tat-8 ta' Marzu 2017, Viasat Broadcasting UK vs Il-Kummissjoni, C-660/15 P, EU:C:2017:178, punt 14 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li ma hemmx lok li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.

Fuq l-appell

54 Insostenn tal-appell tagħhom, il-kumpanniji HSBC, sostnuti mill-intervenjenti, jinvokaw sitt aggravji, ibbażati, essenzjalment, l-ewwel wieħed, fuq żball ta' liġi f'dak li jirrigwarda l-effetti tal-ksur mill-Kummissjoni tal-preżunzjoni ta' innoċenza kif ukoll tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża, it-tieni wieħed, fuq żball ta' liġi fil-klassifikazzjoni tas-suġġett tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 bħala ksur fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE, it-tielet wieħed, fuq żball ta' liġi meta l-Qorti Ġenerali qieset iż-żewġ diskussjonijiet fuq il-prezzijiet medjani tal-14 u tas-16 ta' Frar 2007 bħala ksur minħabba l-għan, ir-raba' wieħed, fuq żnaturament tal-provi inkwantu hija analizzat iż-żewġ diskussjonijiet tat-12 u tas-16 ta' Frar 2007 bħala ksur minħabba l-għan mingħajr ma vverifikat il-kontenut ta' dawk id-diskussjonijiet, il-ħames wieħed, fuq żbalji ta' liġi fl-evalwazzjoni li tipprovdi li l-aġir differenti identifikat mill-Kummissjoni għandu għan uniku u, is-sitt wieħed, fuq żball ta' liġi fl-evalwazzjoni li tipprovdi li l-kumpanniji HSBC ipparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu li jinkludi aġir li d-deċiżjoni kontenzjuża ma kklassifikatx bħala li jikkostitwixxi ksur.

Fuq l-ewwel aggravju

L-argumenti tal-partijiet

55 Il-kumpanniji HSBC, sostnuti mill-intervenjenti, isostnu li, fil-punti 287 sa 292 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-ħames motiv tagħhom għal annullament, ibbażat, essenzjalment, fuq il-fatt li d-deċiżjoni ta' riżolviment kienet ġiet adottata bi ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza, tad-dritt tagħhom għal amministrazzjoni tajba u tad-drittijiet tad-difiża tagħhom, b'mod partikolari, tad-dritt tagħhom għal smigħ.

56 Il-kumpanniji HSBC jispjegaw li l-proċedura mqassma fi stadji differenti segwita mill-Kummissjoni wasslet, mingħajr dubju possibbli, sabiex tiġi ġġudikata minn qabel ir-responsabbiltà tagħhom u b'hekk ippreġudikat b'mod irrimedjabbli d-dritt tagħhom għal smigħ. Għal din ir-raġuni, il-Qorti Ġenerali kellha tannulla l-Artikolu 1(b) tad-deċiżjoni kontenzjuża.

57 Issa, billi ddeċidiet, fil-punt 289 tas-sentenza appellata, li l-irregolaritajiet proċedurali invokati mill-kumpanniji HSBC ma setgħux iwasslu għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża ħlief jekk jiġi stabbilit li, fl-assenza ta' dawn l-irregolaritajiet, din id-deċiżjoni kien ikollha kontenut differenti, il-Qorti Ġenerali applikat kriterju żbaljat.

58 Fil-fatt, konformement mal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tas-16 ta' Jannar 2019, Il-Kummissjoni vs United Parcel Service (C-265/17 P, EU:C:2019:23, punt 56), il-Qorti Ġenerali kellha tivverifika jekk in-nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva tal-Kummissjoni kienx jimplika li l-kumpanniji HSBC kienu tilfu opportunità, anki jekk żgħira, li jiżguraw aħjar id-difiża tagħhom. Dan l-istess kriterju kellu jiġi applikat sabiex jiġi eżaminat jekk il-preżunzjoni ta' innoċenza u d-dritt għal amministrazzjoni tajba, stabbiliti fl-Artikolu 41(1), fl-Artikolu 47(1) u fl-Artikolu 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), kinux ġew irrispettati.

59 Barra minn hekk, id-dritt ta' impriża li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali jeżiġi li l-Kummissjoni teżamina b'attenzjoni u imparzjalità l-elementi kollha tal-każ. Kieku l-Qorti Ġenerali applikat b'mod korrett l-imsemmi kriterju f'dan il-każ, hija kienet tasal għall-konklużjoni li n-nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva tal-Kummissjoni matul il-proċedura amministrattiva kellu influwenza deċiżiva fuq id-deċiżjoni kontenzjuża. B'hekk, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-punti 289 u 292 tas-sentenza appellata.

60 Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li jirriżulta mill-punt 291 tas-sentenza appellata, il-kriterju applikat fil-punt 289 ta' din is-sentenza ma jsib ebda sostenn fil-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tas-16 ta' Diċembru 1975, Suiker Unie *et* vs Il-Kummissjoni (40/73 sa 48/73, 50/73, 54/73 sa 56/73, 111/73, 113/73 u 114/73, iktar 'il quddiem is-"sentenza Suiker Unie", EU:C:1975:174).

61 Sussidjarjament, il-kumpanniji HSBC iqisu li, anki jekk jitqies li l-Qorti Ġenerali applikat il-kriterju t-tajjeb għal din il-kawża, id-deċiżjoni kontenzjuża kien ikollha kontenut differenti fl-assenza tal-irregolaritajiet proċedurali allegati. Dan jirriżulta mill-punti 165 sa 195 u 263 sa 274 tas-sentenza appellata, li fihom il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet wettqet żbalji materjali fid-deċiżjoni kontenzjuża. Dawn l-iżbalji kellhom iwassluha sabiex tannulla l-Artikolu 1(b) ta' din id-deċiżjoni.

62 Il-Kummissjoni ssostni li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

63 L-ewwel, il-Qorti Ġenerali applikat b'mod korrett il-prinċipju ta' imparzjalità oġġettiva meta ċaħdet il-ħames motiv għal annullament tal-kumpanniji HSBC bħala ineffettiv.

64 Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet ġustament, fil-punt 287 tas-sentenza appellata, li l-kwistjoni dwar jekk nuqqas possibbli ta' imparzjalità oġġettiva tal-Kummissjoni u ksur possibbli tal-preżunzjoni ta' innoċenza fil-konfront tal-kumpanniji HSBC minħabba dikjarazzjonijiet pubbliċi tal-Kummissarju li f'dak iż-żmien kien responsabbli mill-politika tal-kompetizzjoni jew l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' riżolviment setax ikollhom effett fuq il-legalità tad-deċiżjoni kontenzjuża "[kienet] indissoċjabbli mill-kwistjoni dwar jekk il-konstatazzjonijiet magħmula fl-imsemmija deċiżjoni [kinux] debitament issostanzjati mill-provi prodotti mill-Kummissjoni".

65 Konsegwentement, hekk kif il-Qorti Ġenerali ddeċidiet korrettament fil-punt 289 ta' dik is-sentenza, irregolarità li tikkonċerna l-imparzjalità oġġettiva kienet ta' natura li twassal għall-annullament tad-deċiżjoni "biss jekk ikun ġie stabbilit li, fl-assenza ta' din l-irregolarità, din id-deċiżjoni kien ikollha kontenut differenti".

66 Qabel kollox, dawn il-konklużjonijiet huma konformi mal-prinċipji li jirriżultaw mill-punti 90 u 91 tas-sentenza Suiker Unie u l-ebda motiv ma jiġġustifika li jitwarrbu dawn il-prinċipji. B'hekk, huwa biss il-kontenut tad-dikjarazzjonijiet pubbliċi tal-Kummissarju li dak iż-żmien kien responsabbli mill-politika ta' kompetizzjoni li jgħodd u mhux il-forma tagħhom. Konsegwentement, il-fatt li dawn id-dikjarazzjonijiet saru minn dan il-Kummissarju jew fil-kuntest tad-deċiżjoni ta' riżolviment ma huwiex rilevanti.

67 Sussegwentement, kuntrarjament għal dak li jiddikkjaraw il-kumpanniji HSBC, is-sentenza tas-16 ta' Jannar 2019, Il-Kummissjoni vs United Parcel Service (C-265/17 P, EU:C:2019:23), ma hijiex rilevanti f'dan il-każ. Il-kumpanniji HSBC ifixklu l-ksur tal-imparzjalità oġġettiva mal-eżistenza ta' dritt separat tal-impriżi li jinstemgħu qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni finali li taffettwahom. Fil-każ ineżami, id-drittijiet tad-difiża tal-kumpanniji HSBC ġew kompletament irrispettati, sa fejn ma huwiex ikkontestat li l-Kummissjoni bagħtitilhom dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li huma kellhom aċċess sħiħ għall-fajl u li huma kienu f'pożizzjoni li jagħtu l-opinjoni tagħhom qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża.

68 Fl-aħħar nett, kuntrarjament għal dak li jsostnu l-kumpanniji HSBC, il-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjoni kontenzjuża kinitx tkun differenti fl-assenza tad-deċiżjoni ta' riżolviment hija kwistjoni fattwali li ma hijiex rilevanti sabiex jiġi evalwat jekk il-Qorti Ġenerali applikatx il-kriterju legali korrett sabiex jiġu ddeterminati l-konsegwenzi ta' allegat nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva. Għalhekk, il-konklużjoni li tinsab fil-punt 289 tas-sentenza appellata hija konstatazzjoni fattwali li ma tistax tiġi kkontestata fl-istadju tal-appell, b'tali mod li l-ilmenti fformulati mill-kumpanniji HSBC fir-rigward ta' din il-konklużjoni huma inammissibbli. Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li, fi kwalunkwe każ, id-deċiżjoni kontenzjuża ma kinitx tkun differenti fl-assenza tad-deċiżjoni ta' riżolviment.

69 It-tieni, il-Kummissjoni osservat kemm l-obbligu tagħha ta' imparzjalità oġġettiva kif ukoll il-preżunzjoni ta' innoċenza tal-kumpanniji HSBC meta hija adottat id-deċiżjoni ta' riżolviment qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża.

70 Fl-ewwel lok, proċedura "ibrida" ma hijiex, bħala tali, ipprojbita mill-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza, fatt li l-kumpanniji HSBC jaċċettaw espliċitament fl-appell tagħhom. Barra minn hekk, din il-konstatazzjoni hija kkonfermata mil-leġiżlazzjoni applikabbli u l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, id-deċiżjoni ta' riżolviment ma tinkludi ebda konstatazzjoni ta' responsabbiltà u lanqas ebda element li jikkawża preġudizzju lill-kumpanniji HSBC.

71 Fit-tieni lok, ir-riferimenti għall-kumpanniji HSBC fid-deċiżjoni ta' riżolviment għandhom jiġu evalwati fid-dawl tal-garanziji proċedurali offruti fi stadju ulterjuri tal-proċedura. Issa, dawn il-kumpanniji bbenefikaw mill-garanziji kollha suffiċjenti, fosthom il-preżunzjoni ta' innoċenza, kif ukoll minn smigħ xieraq, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża.

L-ewalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

72 Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, il-kumpanniji HSBC, sostnuti mill-intervenjenti, isostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet, fil-punti 287 sa 292 tas-sentenza appellata, żball ta' liġi meta ċaħdet bħala ineffettiv il-motiv tagħhom ibbażat fuq ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza kif ukoll tad-dritt għal amministrazzjoni tajba u tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża.

73 B'mod partikolari, il-kumpanniji HSBC isostnu li l-Qorti Ġenerali applikat kriterju ġuridiku żbaljat meta ddeċidiet, b'mod partikolari fil-punt 289 ta' din is-sentenza, li l-allegati irregolaritajiet, b'mod partikolari dawk marbuta ma' allegat nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva tal-Kummissjoni, setgħu jwasslu għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża biss jekk jiġi stabbilit li, fl-assenza ta' dawn l-irregolaritajiet, din id-deċiżjoni kien ikollha kontenut differenti.

74 Preliminarjament, għandhom jiġu miċħuda l-argumenti tal-Kummissjoni bbażati fuq l-inammissibbiltà ta' ċerti argumenti mqajma insostenn ta' dan il-motiv sa fejn dawn huma intiżi li jikkontestaw l-evalwazzjonijiet fattwali tal-Qorti Ġenerali. Fil-fatt, mill-formulazzjoni ta' dan l-aggravju kif ukoll mill-argumenti kollha mqajma insostenn tiegħu jirriżulta b'mod ċar li l-kumpanniji HSBC huma intiżi li jikkontestaw il-kriterju ġuridiku li l-Qorti Ġenerali applikat sabiex tiċħad il-ħames motiv ta' annullament tagħhom, li jikkostitwixxi kwistjoni ta' liġi.

75 Fir-rigward tal-ħames motiv ta' annullament, għandu jitfakkar li, permezz tiegħu, il-kumpanniji HSBC sostnew quddiem il-Qorti Ġenerali li d-deċiżjoni kontenzjuża kellha tiġi annullata minħabba l-fatt li d-deċiżjoni ta' riżolviment kienet ġiet adottata mill-Kummissjoni bi ksur, minn naħa, tal-preżunzjoni ta' innoċenza u, min-naħa l-oħra, tad-dritt għal amministrazzjoni tajba kif ukoll tad-drittijiet tad-difiża.

76 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni hija obbligata tirrispetta, matul il-proċedura amministrattiva, id-drittijiet fundamentali tal-impriżi kkonċernati. F'dan il-kuntest, il-prinċipju ta' imparzjalità, li jaqa' taħt id-dritt għal amministrazzjoni tajba, għandu jiġi distint mill-preżunzjoni ta' innoċenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Marzu 2021, Pometon vs Il-Kummissjoni, C-440/19 P, EU:C:2021:214, punti 58 u 59).

77 Id-dritt għal amministrazzjoni tajba, stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta, jipprevedi li kull persuna għandha d-dritt, fost oħrajn, li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan ir-rekwiżit ta' imparzjalità jkopri, minn naħa, l-imparzjalità suġġettiva, fis-sens li ebda membru tal-istituzzjoni kkonċernata li jkun responsabbli mill-każ ma għandu juri li ħa pożizzjoni jew li għandu preġudizzju personali u, min-naħa l-oħra, l-imparzjalità oġġettiva, fis-sens li l-istituzzjoni għandha toffri garanziji suffiċjenti sabiex jiġi eskluż f'dan ir-rigward kull dubju leġittimu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Marzu 2021, Pometon vs Il-Kummissjoni, C-440/19 P, EU:C:2021:214, punti 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

78 Fir-rigward tal-preżunzjoni ta' innoċenza, din tikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li huwa stabbilit fl-Artikolu 48(1) tal-Karta. Dan il-prinċipju japplika, fid-dawl tan-natura tal-ksur inkwistjoni kif ukoll tan-natura u tal-grad ta' severità tas-sanzjonijiet marbuta miegħu, għall-proċeduri dwar ksur tar-regoli ta' kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi li jistgħu jwasslu għall-impożizzjoni ta' multi jew ta' pagamenti ta' penalità (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Marzu 2021, Pometon vs Il-Kummissjoni, C-440/19 P, EU:C:2023:214, punti 59 u 60 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

79 Konformement mal-Artikolu 48 tal-Karta, moqri fid-dawl tal-Artikolu 6(2) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' dan l-Artikolu 48, il-preżunzjoni ta' innoċenza tiġi injorata meta deċiżjoni ġudizzjarja jew dikjarazzjoni uffiċjali li tirrigwarda imputat ikun fiha dikjarazzjoni ċara, magħmula fl-assenza ta' kundanna definittiva, li skontha l-persuna kkonċernata tkun wettqet ir-reat inkwistjoni. F'dan il-kuntest, għandha tiġi enfasizzata l-importanza tal-għażla tal-kliem użat mill-awtoritajiet ġudizzjarji kif ukoll iċ-ċirkustanzi partikolari li fihom dan ikun ġie fformulat u tan-natura u tal-kuntest tal-proċedura inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Marzu 2021, Pometon vs Il-Kummissjoni, C-440/19 P, EU:C:2021:214, punti 61 u 62 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

80 Għalhekk, fil-proċeduri kriminali kumplessi fejn ikunu akkużati diversi persuni ssuspettati li ma jistgħux jiġu ġġudikati flimkien, jista' jagħti l-każ li l-qorti kompetenti jkollha imperattivament, sabiex tevalwa l-ħtija tal-imputati, issemmi l-parteċipazzjoni ta' terzi li jistgħu jiġu ġġudikati separatament wara. Madankollu, jekk ikollhom jiġu ppreżentati fatti relatati mal-involviment ta' terzi, il-qorti kkonċernata għandha tevita li tagħti iktar informazzjoni milli hija neċessarja għall-evalwazzjoni tar-responsabbiltà ġuridika tal-persuni li jkunu akkużati quddiemha. Barra minn hekk, il-motivazzjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji għandha tiġi fformulata f'termini li huma ta' natura li jevitaw sentenza prematura potenzjali dwar il-ħtija tal-persuni terzi kkonċernati, li tista' tikkompromietti l-eżami ekwu tal-akkużi magħmula kontrihom fil-kuntest ta' proċedura distinta (sentenza tat-18 ta' Marzu 2021, Pometon vs Il-Kummissjoni, C-440/19 P, EU:C:2021:214, punti 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).

81 Fil-każ ineżami, fil-punti 283 sa 286 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret, essenzjalment, il-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza u d-dritt għal amministrazzjoni tajba, konformement mal-ġurisprudenza msemmija fil-punti 77 u 78 tas-sentenza preżenti.

82 Fil-punt 287 tas-sentenza appellata, hija qieset li l-kwistjoni dwar jekk eventwali nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva tal-Kummissjoni, li seta' jirriżulta minn ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza fil-konfront tal-kumpanniji HSBC fl-okkażjoni tal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' riżolviment, setax kellu effett fuq il-legalità tad-deċiżjoni kontenzjuża kienet konfuża mal-kwistjoni dwar jekk il-konstatazzjonijiet magħmula f'din l-aħħar deċiżjoni kinux debitament sostnuti mill-provi li l-Kummissjoni kienet ipproduċiet.

83 F'dan il-kuntest, fil-punti 289 u 291 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, billi rreferiet b'mod partikolari għas-sentenza Suiker Unie, li l-irregolarità marbuta ma' eventwali nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva tal-Kummissjoni setgħet twassal għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża biss jekk jiġi stabbilit li, fl-assenza ta' din l-irregolarità, din id-deċiżjoni kien ikollha kontenut differenti.

84 Fil-punt 289 tal-imsemmija sentenza, hija qieset li, f'dan il-każ, fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' stħarriġ sħiħ tal-motivi rilevanti tal-imsemmija deċiżjoni, bl-eċċezzjoni tal-aspetti msemmija fil-punt 288 tas-sentenza appellata, il-Kummissjoni kienet stabbilixxiet b'mod suffiċjenti skont il-liġi l-parteċipazzjoni tal-kumpanniji HSBC fil-ksur inkwistjoni. Konsegwentement, hija kkonkludiet li xejn ma kien iħalli li jiġi preżunt li, fl-assenza tal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' riżolviment qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-kontenut ta' din tal-aħħar kien ikun differenti u ċaħdet il-motiv miġbur fil-qosor fil-punt 75 ta' din is-sentenza bħala ineffettiv.

85 Madankollu, tali raġunament huwa vvizzjat minn żball doppju ta' liġi.

86 Minn naħa, il-Qorti Ġenerali injorat id-distinzjoni, imfakkra fil-punt 76 tas-sentenza preżenti, li għandha ssir bejn il-preżunzjoni ta' innoċenza u d-dritt għal amministrazzjoni tajba, sa fejn, kif jirriżulta mill-punti 287 *et seq*. tas-sentenza appellata, hija kkonstatat l-argumenti tal-kumpanniji HSBC bbażati fuq il-ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza mill-perspettiva biss tan-nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva tal-Kummissjoni. Issa, kif jirriżulta mill-punt 77 tas-sentenza preżenti, ir-rekwiżit ta' imparzjalità oġġettiva jikkostitwixxi biss wieħed mill-aspetti tad-dritt għal amministrazzjoni tajba.

87 Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali wettqet ukoll żball ta' liġi meta kkunsidrat, essenzjalment, li l-irregolaritajiet dwar il-preżunzjoni ta' innoċenza fil-kuntest tal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' riżolviment setgħu jwasslu għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża biss jekk jiġi stabbilit li, fl-assenza ta' dawn l-irregolaritajiet, id-deċiżjoni kontenzjuża kien ikollha kontenut differenti.

88 Fil-fatt, il-preżunzjoni ta' innoċenza, interpretata fis-sens imfakkar fil-punti 79 u 80 tas-sentenza preżenti, tapplika wkoll meta l-Kummissjoni tadotta, fir-rigward tal-istess akkordju uniku, suċċessivament żewġ deċiżjonijiet li jkollhom destinatarji differenti wara żewġ proċeduri distinti, jiġifieri, minn naħa, deċiżjoni meħuda fi tmiem proċedura ta' riżolviment u intiża għall-impriżi li jkunu waslu għar-riżolviment u, min-naħa l-oħra, deċiżjoni meħuda fi tmiem proċedura ordinarja u indirizzata lill-impriżi l-oħra li jkunu pparteċipaw fl-akkordju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Marzu 2021, Pometon vs Il-Kummissjoni, C-440/19 P, EU:C:2021:214, punt 64).

89 F'tali każ, ikklassifikat bħala proċedura "ibrida", li twassal għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet suċċessivi, jista', fil-fatt, ikun oġġettivament neċessarju li l-Kummissjoni tindirizza, fid-deċiżjoni li ttemm il-proċedura għar-riżolviment, ċerti fatti u aġir li jikkonċernaw parteċipanti fl-allegat akkordju li jkunu s-suġġett tal-proċedura ordinarja. Madankollu, huwa l-obbligu tal-Kummissjoni li tiżgura, fid-deċiżjoni li ttemm il-proċedura għar-riżolviment, li tippreżerva l-preżunzjoni ta' innoċenza tal-impriżi li jkunu rrifjutaw li jaslu għal riżolviment u li jkunu s-suġġetti ta' proċedura ordinarja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Marzu 2021, Pometon vs Il-Kummissjoni, C-440/19 P, EU:C:2021:214, punt 65).

90 Għaldaqstant, sabiex tiġi mistħarrġa l-osservanza tal-preżunzjoni ta' innoċenza mill-Kummissjoni, hija l-qorti tal-Unjoni li għandha tanalizza deċiżjoni li ttemm il-proċedura għar-riżolviment u l-motivazzjoni tagħha kollha kemm hi u fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari li fihom din tkun ġiet adottata. Fil-fatt, kull riferiment espliċitu, f'ċerti partijiet ta' din id-deċiżjoni, għan-nuqqas ta' responsabbiltà tal-parteċipanti l-oħra fl-allegat akkordju jitlef is-sens tiegħu jekk partijiet oħra tal-imsemmija deċiżjoni jkunu jistgħu jinftiehmu bħala espressjoni prematura tar-responsabbiltà tagħhom (sentenza tat-18 ta' Marzu 2021, Pometon vs Il-Kummissjoni, C-440/19 P, EU:C:2021:214, punt 66).

91 Minn dan isegwi li, peress li l-kumpanniji HSBC invokaw quddiemha ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza minħabba l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' riżolviment, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx sempliċement tiċħad dawn l-argumenti bħala ineffettivi għar-raġuni li ma kienx stabbilit li, fl-assenza tal-allegati irregolaritajiet, id-deċiżjoni kontenzjuża kien ikollha kontenut differenti.

92 Fid-dawl ta' dak li tfakkar fil-punt 90 tas-sentenza preżenti, il-Qorti Ġenerali kienet għalhekk obbligata tanalizza d-deċiżjoni li ttemm il-proċedura għar-riżolviment u l-motivazzjoni tagħha kollha kemm hi u dan, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari li fihom din kienet ġiet adottata, sabiex tistħarreġ jekk, kif sostnew il-kumpanniji HSBC, din id-deċiżjoni setgħetx tinftiehem bħala espressjoni prematura tar-responsabbiltà tagħhom.

93 Għaldaqstant, billi qieset li l-irregolaritajiet relatati mal-preżunzjoni ta' innoċenza fil-kuntest tal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' riżolviment setgħu jwasslu għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża biss jekk jiġi stabbilit li, fl-assenza ta' dawn l-irregolaritajiet, id-deċiżjoni kontenzjuża kien ikollha kontenut differenti, il-Qorti Ġenerali applikat kriterju żbaljat li wassalha sabiex ma teżaminax il-punt dwar jekk l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' riżolviment ippreġudikatx l-osservanza tal-preżunzjoni ta' innoċenza fil-kuntest tal-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża.

94 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ma tistax issostni li l-approċċ meħud mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata kien konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tirriżulta b'mod partikolari mis-sentenza Suiker Unie.

95 Fil-fatt, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 60 sa 62 tal-konklużjonijiet tiegħu, ksur, mill-Kummissjoni, tal-prinċipju ta' imparzjalità u tal-preżunzjoni ta' innoċenza fil-kuntest tal-proċedura "ibrida" inkwistjoni fil-każ ineżami jikkostitwixxi ksur suffiċjentement gravi li jista' jivvizzja l-proċedura kollha li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża. Tali irregolarità li għandha l-effett li tikser id-drittijiet fundamentali tal-impriżi kkonċernati ggarantiti fil-kuntest ta' din il-proċedura ma tistax tiġi pparagunata mat-tip ta' żbalji li l-gravità tagħhom jista' jkollha biss ftit influwenza fuq id-deċiżjoni finali, bħal dik li kienet inkwistjoni fil-kawża li wasslet għas-sentenza Suiker Unie, li barra minn hekk ma kinitx tikkonċerna proċedura "ibrida".

96 Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tevita l-obbligu li tipproċedi għall-eżami tad-deċiżjoni ta' riżolviment sabiex tiddetermina jekk din id-deċiżjoni kinitx konformi ma' dan il-prinċipju minħabba li ma kienx stabbilit li d-deċiżjoni kontenzjuża kien ikollha kontenut differenti fl-assenza tad-deċiżjoni ta' riżolviment, għaliex inkella kienet iċċaħħad il-preżunzjoni ta' innoċenza minn kull kontenut.

97 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, l-ewwel aggravju għandu jintlaqa'.

Fuq it-tieni aggravju

L-argumenti tal-partijiet

98 Il-kumpanniji HSBC, sostnuti mill-intervenjenti, isostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li t-tentattiv ta' manipulazzjoni tal-maturità ta' tliet xhur ta' Euribor (Euribor-3M), fid-19 ta' Marzu 2007, kien jaqa' taħt id-definizzjoni tal-ksur minħabba l-għan, fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE.

99 B'mod partikolari, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet b'mod żbaljat, fil-punti 101 u 102 tas-sentenza appellata, li s-sempliċi possibbiltà li l-partijiet f'din il-manipulazzjoni jipproponu kundizzjonijiet aħjar mill-kompetituri tagħhom kienet biżżejjed sabiex jiġi konkluż li l-imsemmija manipulazzjoni kellha grad suffiċjenti ta' ħsara għall-kompetizzjoni li jwassal għal ksur minħabba l-għan. L-asimetrija tal-informazzjoni li

tirreferi għaliha l-Qorti Ġenerali setgħet tirrestrinġi jew toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni normali fuq ir-rati fissi u/jew varjabbli tal-EIRD biss jekk din l-informazzjoni kienet tagħti lin-negozjanti l-kapaċità u r-rieda li jipproponu rati iktar kompetittivi. Il-kapaċità teoretika li jiġu proposti rati iktar kompetittivi ma tistabbilixxix li l-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 kienet fiha nnifisha ta' ħsara għall-funzjonament tajjeb tal-kompetizzjoni fis-settur tal-EIRD.

100 Il-Kummissjoni għaldaqstant ma eżaminatx, la fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u lanqas fid-deċiżjoni kontenzjuża, il-kwistjoni dwar jekk l-għarfien tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 kienx inkoraġġixxa lin-negozjanti sabiex jipproponu rati iktar kompetittivi mill-kompetituri tagħhom.

101 Il-kumpanniji HSBC kienu pproduċew prova f'dan ir-rigward, jiġifieri r-rapport ta' perizja tal-kumpanniji HSBC, li ma ġiex ikkontestat mill-Kummissjoni. Il-konstatazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punt 101 tas-sentenza appellata, li tgħid li dan l-element fih biss kunsiderazzjonijiet ġenerali, tikkostitwixxi distorsjoni manifesta tal-imsemmija prova. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti Ġenerali ma għandha l-ebda prova li tistabbilixxi jew tissuġġerixxi li n-negozjanti involuti fil-manipulazzjoni tar-rata Euribor-3M kienu mħeġġa jipproponu rati iktar kompetittivi. Il-Qorti Ġenerali donnha tippreżumi, fil-punt 103 tas-sentenza appellata, li kien biżżejjed li jiġi konkluż li kien fl-interess tan-negozjanti parteċipanti li jbiddlu l-pożizzjoni ta' negozjar tagħhom fid-dawl tal-għarfien tagħhom ta' din il-manipulazzjoni. Issa, għall-kuntrarju, in-negozjanti ma kinux imħeġġa jaġġustaw il-prezzijiet tagħhom sabiex jirriflettu l-imsemmija manipulazzjoni.

102 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, fil-punt 111 tas-sentenza appellata, meta kkonstatat li l-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 kienet tikkostitwixxi restrizzjoni minħabba l-għan.

103 Il-Kummissjoni tikkunsidra li dan l-aggravju huwa ineffettiv.

L-ewalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

104 Preliminarjament, għandu jiġi miċħud l-argument tal-Kummissjoni li jipprovdi li dan il-motiv huwa ineffettiv. Huwa minnu li dan l-aggravju jirrigwarda essenzjalment il-punti 101 u 102 tas-sentenza appellata, li fihom il-Qorti Ġenerali ċaħdet uħud mill-argumenti mressqa mill-kumpanniji HSBC sabiex jikkontestaw il-klassifikazzjoni bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan applikata għall-manipulazzjoni tal-Euribor tad-19 ta' Marzu 2007. Madankollu, l-imsemmi aggravju jirrigwarda b'mod iktar wiesa' l-punt dwar jekk il-Qorti Ġenerali kinitx ġusta li tqis, fi tmiem l-evalwazzjoni tagħha li tinsab fil-punti 85 *et seq*. ta' din is-sentenza, li din il-manipulazzjoni kellha grad ta' ħsara suffiċjenti fir-rigward tal-kompetizzjoni, fid-dawl tal-fatt invokat mill-kumpanniji HSBC li n-negozjanti kkonċernati ma kellhom l-ebda interess li jipproponu rati iktar kompetittivi mill-kompetituri tagħhom.

105 Permezz tat-tieni aggravju, il-kumpanniji HSBC jargumentaw għalhekk, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonfermat il-klassifikazzjoni bħala ksur minħabba l-għan magħmula mill-Kummissjoni fir-rigward ta' din il-manipulazzjoni.

106 Rigward dan, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kriterju ġuridiku essenzjali sabiex jiġi ddeterminat jekk ftehim fihx restrizzjoni tal-kompetizzjoni "minħabba l-għan" jinsab fil-konstatazzjoni li tali ftehim għandu, fih innifsu, livell

suffiċjentement dannuż għall-kompetizzjoni sabiex jitqies li ma hemmx bżonn li jitfittxu l-effetti tiegħu (sentenzi tas-26 ta' Novembru 2015, Maxima Latvija, C-345/14, EU:C:2015:784, punt 20, kif ukoll tat-2 ta' April 2020, Budapest Bank *et*, C-228/18, EU:C:2020:265, punt 37).

107 Sabiex jiġi evalwat jekk ftehim bejn impriżi jew deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi għandux grad suffiċjenti ta' ħsara għall-kompetizzjoni sabiex jitqies bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni "minħabba l-għan" fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE, għandu jsir riferiment għall-kontenut tad-dispożizzjonijiet tiegħu, għall-għanijiet li huwa jfittex li jilħaq, kif ukoll għall-kuntest ekonomiku u ġuridiku li jinsab fih. Fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-imsemmi kuntest, għandha wkoll tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura tal-prodotti jew tas-servizzi affettwati kif ukoll il-kundizzjonijiet reali tal-funzjonament u tal-istruttura tas-suq jew tas-swieq inkwistjoni (sentenza tat-2 ta' April 2020, Budapest Bank *et*, C-228/18, EU:C:2020:265, punt 51 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

108 Fil-każ ineżami, mill-konstatazzjonijiet ta' fatt magħmula mill-Qorti Ġenerali fil-punti 85 sa 90 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 kienet tikkonsisti fil-preżentazzjoni ta' sottomissjonijiet baxxi skont l-Euribor-3M sabiex titnaqqas din ir-rata f'din id-data, bl-għan li jinkiseb profitt finanzjarju fuq kategorija ta' EIRD, jiġifieri l-kuntratti bil-quddiem ("futures") b'rati ta' interessi indiċjati fuq l-Euribor-3M. Skont dawn il-konstatazzjonijiet, li ma humiex ikkontestati mill-kumpanniji HSBC, din il-manipulazzjoni kienet tikkonsisti fit-teħid b'mod progressiv ta' espożizzjoni kbira ħafna "ta' xiri" (buyer exposure), jiġifieri li għaliha l-bank jirċievi rata fissa u jħallas ir-rata varjabbli, billi jnaqqas il-livell tar-rata varjabbli fid-data ta' maturità permezz ta' azzjoni miftiehma.

109 Fil-punti 92 u 93 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ħadet inkunsiderazzjoni, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 107 ta' din is-sentenza, il-konstatazzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża dwar il-funzjonament tas-suq tal-EIRD u d-determinazzjoni tal-flussi tal-flus f'dan is-suq. Hija għalhekk irrilevat li r-rata tal-Euribor, li kienet is-suġġett tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007, kienet tiddetermina direttament il-flussi tal-flus dovuti bħala l-"parti varjabbli" tal-EIRD u li din kienet ukoll rilevanti għad-determinazzjoni tal-flussi tal-flus dovuti taħt il-"parti fissa" tal-EIRD.

110 Minn dawn il-punti tas-sentenza appellata jirriżulta li l-klassifikazzjoni bħala ksur minħabba l-għan adottata mill-Kummissjoni fir-rigward tal-imsemmija manipulazzjoni kienet tinsab essenzjalment f'restrizzjoni tal-kompetizzjoni maħluqa mill-asimetrija ta' informazzjoni bejn l-atturi tas-suq, peress li l-parteċipanti fl-imsemmija manipulazzjoni, minn naħa, kienu f'pożizzjoni aħjar sabiex ikunu jafu minn qabel b'ċerta preċiżjoni l-livell li fih l-Euribor kienet jew kellha tiġi ffissata mill-kompetituri tagħhom li jaġixxu f'kollużjoni u, min-naħa l-oħra, kienu jafu jekk l-Euribor f'data speċifika kinitx iffissata jew le f'livell artifiċjali.

111 Għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali kellha raġun tikkonkludi li, għal dawn ir-raġunijiet, il-klassifikazzjoni bħala restrizzjoni minħabba l-għan setgħet tintuża fir-rigward tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007.

112 Fil-fatt, mill-punti 59 sa 67 tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Qorti Ġenerali ġustament ibbażat ruħha fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-iskambji ta' informazzjoni bejn kompetituri.

113 Skont din il-ġurisprudenza, il-kriterji ta' koordinazzjoni u ta' kooperazzjoni li jikkostitwixxu prattika miftiehma għandhom jinftiehmu fid-dawl tal-kunċett inerenti għad-dispożizzjonijiet tat-trattat dwar il-kompetizzjoni, skont liema kull operatur ekonomiku għandu jiddetermina b'mod awtonomu l-politika li huwa għandu l-intenzjoni jsegwi fis-suq intern (sentenzi tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 119, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

114 Għalkemm dan ir-rekwiżit ta' awtonomija ma jeskludix id-dritt tal-operaturi ekonomiċi milli jadattaw ruħhom b'mod għaqli għall-aġir ikkonstatat jew mistenni tal-kompetituri tagħhom, huwa madankollu jipprekludi rigorożament kull kuntatt dirett jew indirett bejn tali operaturi li jista' jinfluwenza l-aġir fis-suq ta' kompetitur attwali jew potenzjali, jew li jiżvela lil tali kompetitur l-aġir li ddeċieda li jkollu fuq dan is-suq jew l-aġir li għandu l-intenzjoni jadotta fis-suq, meta dan il-kuntatt ikollu bħala għan jew effett li jwassal għal kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni li ma jikkorrispondux għall-kundizzjonijiet normali tas-suq inkwistjoni, b'kunsiderazzjoni għan-natura tal-prodotti jew tas-servizzi pprovduti, għad-daqs u għan-numru ta' impriżi involuti u għall-volum tal-imsemmi suq (sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 120 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

115 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-iskambju ta' informazzjoni bejn kompetituri jista' jikser ir-regoli tal-kompetizzjoni meta jnaqqas jew jelimina l-grad ta' inċertezza fir-rigward tal-funzjonament tas-suq inkwistjoni, bil-konsegwenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni bejn l-impriżi (sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 121 u l-ġurisprudenza ċċitata).

116 B'mod partikolari, skambju ta' informazzjoni li jista' jelimina inċertezzi f'moħħ il-persuni kkonċernati fir-rigward tad-data, tad-daqs u tal-modalitajiet tal-adattament tal-aġir fis-suq li l-impriżi kkonċernati jkunu ser jimplimentaw, għandu jitqies li għandu għan antikompetittiv (sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 122 u l-ġurisprudenza ċċitata).

117 Fil-każ ineżami, kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punti 95 sa 97 tas-sentenza appellata, l-asimetrija ta' informazzjoni li tirriżulta mill-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 ma kinitx tikkorrispondi mal-kundizzjonijiet normali tas-suq inkwistjoni sa fejn din kienet tirrigwarda varjabbli essenzjali għall-kompetizzjoni fis-suq tal-EIRD, jiġifieri r-rata varjabbli rilevanti għad-determinazzjoni tal-flussi tal-flus f'dan is-suq. Din il-manipulazzjoni b'hekk wasslet sabiex telimina inċertezzi f'moħħ il-parteċipanti fl-akkordju fir-rigward tad-data, tad-daqs u tal-modalitajiet tal-adattament tal-aġir tagħhom f'dan is-suq u dan għad-detriment tal-kompetituri tagħhom li ma kinux informati b'din il-manipulazzjoni. Il-Qorti Ġenerali rrilevat, f'dan ir-rigward, għal dak li jikkonċerna b'mod partikolari l-kumpanniji HSBC, li, meta n-negozjanti kienu jinnegozjaw il-"parti fissa" tal-kuntratti inkwistjoni, huma kienu f'pożizzjoni li jagħmlu dan bl-għarfien li r-rata varjabbli kienet ser tkun baxxa.

118 L-imsemmija manipulazzjoni b'hekk naqqset jew eliminat il-livell ta' inċertezza dwar il-funzjonament tas-suq inkwistjoni bil-konsegwenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni bejn impriżi, b'tali mod li l-Qorti Ġenerali setgħet ġustament tikkunsidra li din kienet tippreżenta grad suffiċjenti ta' ħsara fir-rigward tal-kompetizzjoni sabiex tiġi kklassifikata bħala ksur minħabba l-għan.

119 Tali konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-argument tal-kumpanniji HSBC li, kuntrarjament għal dak li kkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punt 96 tas-sentenza appellata, ma kienx fl-interess tal-parteċipanti fl-akkordju li jipproponu rati iktar kompetittivi minn dawk tal-kompetituri meta huma kienu jafu li l-flussi tal-flus marbuta mal-kuntratti inkwistjoni kienu pożittivi.

120 F'dan ir-rigward, hekk kif jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, prattika miftiehma jista' jkollha għan antikompetittiv anki jekk ma jkollhiex rabta diretta mal-prezz tal-konsumaturi. Fil-fatt, il-kliem tal-Artikolu 101(1) TFUE ma jippermettix li jitqies li huma biss preklużi l-prattiki miftiehma li għandhom effett dirett fuq il-prezz imħallas mill-konsumaturi finali. Għall-kuntrarju, mill-imsemmi Artikolu 101(1)(a) TFUE jirriżulta li prattika miftiehma jista' jkollha għan antikompetittiv jekk din tkun tikkonsisti fl-"iffissar dirett jew indirett tal-prezzijiet ta' l-akkwist jew tal-bejgħ, jew ta' kondizzjonijiet oħra tan-negozju" (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punti 123 u 124 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

121 Fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 101 TFUE, bħar-regoli l-oħra tal-kompetizzjoni stabbiliti fit-Trattat, huwa intiż li jipproteġi mhux biss l-interessi diretti tal-kompetituri jew tal-konsumaturi, iżda wkoll l-istruttura tas-suq u, b'dan il-mod, il-kompetizzjoni bħala tali. Għaldaqstant, il-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' għan antikompetittiv ta' prattika miftiehma ma tistax tkun suġġetta għal dik ta' rabta diretta tagħha mal-prezzijiet għall-konsumaturi (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 125 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

122 Issa, fil-każ ineżami, ma huwiex ikkontestat mill-kumpanniji HSBC li, kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punti 100 u 101 tas-sentenza appellata, il-flussi tal-flus fis-suq tal-EIRD jirriżulta mill-kumpens tal-ħlasijiet dovuti taħt il-"parti fissa" u l-"parti varjabbli" tal-EIRD. Għalhekk, hija ġustament ikkunsidrat li l-fatt li wieħed jibbenefika minn informazzjoni pprivileġġata dwar ir-rata varjabbli li tapplika għad-dati rilevanti kien iqiegħed lin-negozjanti tal-banek parteċipanti fil-ksur fil-pożizzjoni li jiddeterminaw ir-rata fissa li kienet konvenjenti għalihom sabiex tiġi ggarantita lilhom il-profittabbiltà tal-EIRD.

123 Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mfakkra b'mod partikolari fil-punt 116 tas-sentenza preżenti, tali konstatazzjoni hija suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li kient seħħ aġir li jaqa' taħt id-distorsjoni stess tal-proċess kompetittiv fis-suq tal-EIRD, mingħajr ma jkun rilevanti, f'dan ir-rigward, li jiġi ddeterminat jekk in-negozjanti kkonċernati kellhomx interess kummerċjali sabiex jiddeterminaw ir-rata varjabbli f'livell partikolari.

124 Fil-fatt, mill-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li ma humiex ikkontestati mill-kumpanniji HSBC jirriżulta li, fid-dawl tal-funzjonament tas-suq tal-EIRD, l-iffissar ta' rata varjabbli iktar baxxa huwa spjegat biss mill-interess kummerċjali tan-negozjanti kkonċernati li ma jikkompetux fuq il-merti. Billi ftehmu fuq il-livell ta' rata varjabbli li jista' jiddetermina r-rata fissa tal-EIRD, huma għalhekk intenzjonalment issostitwixxew kooperazzjoni prattika bejniethom b'riskju tal-kompetizzjoni, u dan jaqa' taħt il-klassifikazzjoni bħala restrizzjoni minħabba l-għan.

125 Għaldaqstant, mingħajr ma huwa neċessarju li tingħata deċiżjoni dwar l-argument ta' żnaturament mill-Qorti Ġenerali tal-provi prodotti mill-kumpanniji HSBC, għandu jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 111 tas-sentenza appellata, li l-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 kienet tikkostitwixxi restrizzjoni minħabba l-għan, fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE.

126 Konsegwentement, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tielet aggravju

L-argumenti tal-partijiet

127 Permezz tat-tielet aggravju tagħhom, il-kumpanniji HSBC, sostnuti mill-intervenjenti, jikkontestaw l-evalwazzjoni mwettqa mill-Qorti Ġenerali fil-punti 149 sa 160 tas-sentenza appellata tal-konverżazzjonijiet fuq il-prezzijiet medjani li seħħew fl-14 u fis-16 ta' Frar 2007.

128 Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi, b'mod partikolari fil-punti 154 u 157 sa 160 tas-sentenza appellata, meta eżaminat l-argumenti tagħhom dwar l-effetti favur il-kompetizzjoni tal-iskambji ta' informazzjoni fuq dawn il-prezzijiet fid-dawl tad-duttrina tar-"restrizzjonijiet anċillari". Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali kellha pjuttost tirreferi għall-ġurisprudenza dwar il-kunċett ta' "restrizzjoni minħabba l-għan", li wassalha sabiex tanalizza l-imsemmija argumenti fil-kuntest ekonomiku u ġuridiku tal-aġir inkwistjoni.

129 La l-kumpanniji HSBC u lanqas il-Kummissjoni ma invokaw quddiem il-Qorti Ġenerali din id-duttrina li ma hijiex rilevanti fil-każ ineżami. L-imsemmija duttrina tirreferi pjuttost għal aġir li jidħol fil-kuntest ta' tranżazzjoni jew ta' attività kummerċjali partikolari f'suq, bħall-bejgħ ta' impriża jew il-konklużjoni ta' kuntratt ta' konċessjoni. Barra minn hekk, l-istess duttrina ma tikkostitwixxix l-uniku każ li fih ikun possibbli li jiġi evalwat argument ibbażat fuq in-natura favur il-kompetizzjoni ta' aġir partikolari.

130 Fir-replika tagħhom, il-kumpanniji HSBC isostnu li, wara l-preżentata tal-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat, fis-sentenzi tat-30 ta' Jannar 2020, Generics (UK) *et* (C-307/18, EU:C:2020:52, punt 103), u tat-2 ta' April 2020, Budapest Bank *et* (C-228/18, EU:C:2020:265, punti 74, 75, 81 u 82), li, meta l-partijiet għal ftehim jipprevalixxu ruħhom minn effetti favur il-kompetizzjoni marbuta ma' dan il-ftehim dawn l-effetti għandhom, bħala elementi tal-kuntest ta' dan il-ftehim jittieħdu debitament inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tiegħu bħala restrizzjoni minħabba l-għan.

131 Għaldaqstant, il-kumpanniji HSBC jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali li ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-effetti favur il-kompetizzjoni tad-diskussjonijiet fuq il-prezzijiet medjani bħala element rilevanti tal-kuntest, sa fejn hija qieset b'mod żbaljat li dawn l-effetti kienu irrilevanti fil-kuntest tal-Artikolu 101(1) TFUE, ħlief fil-kuntest tad-duttrina tar-"restrizzjonijiet anċillari".

132 Issa, ir-rapport tal-perizja tal-kumpanniji HSBC allgatament wera l-effetti favur il-kompetizzjoni tad-diskussjonijiet ikkonċernati. Din il-prova tissodisfa r-rekwiżiti li jirriżultaw mis-sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, Generics (UK) *et* (C-307/18, EU:C:2020:52, punt 103), b'tali mod li l-Qorti Ġenerali kienet żbaljata li ma eżaminathiex. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ma identifikat ebda element ieħor li jipprova esperjenza solida u affidabbli sabiex turi li l-iskambji fuq il-prezzijiet medjani kienu, min-natura tagħhom, suffiċjentement dannużi għall-kompetizzjoni.

133 Il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali ġustament ikkonfermat li l-iskambji fuq il-prezzijiet medjani jikkostitwixxu ksur minħabba l-għan, fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE. L-argumenti tal-kumpanniji HSBC huma bbażati fuq qari parzjali u żbaljat tas-sentenza appellata.

134 Fil-punti 128 sa 139 ta' dik is-sentenza, il-Qorti Ġenerali rrispondiet għall-argumenti tal-kumpanniji HSBC li jipprovdu li l-iskambji fuq il-prezzijiet medjani għandhom effetti favur il-kompetizzjoni u kkonfermat il-konstatazzjoni magħmula mill-Kummissjoni li dawn il-prezzijiet jirrappreżentaw il-perċezzjoni individwali tal-prezz tas-suq min-negozjant. Sussegwentement, fil-punti 128 sa 148 tas-sentenza appellata, li ma humiex ikkontestati mill-kumpanniji HSBC, il-Qorti Ġenerali eżaminat sa fejn il-prezzijiet medjani kienu rilevanti għall-iffissar tal-prezzijiet fis-settur tal-EIRD u r-raġunijiet għaliex l-iskambji inkwistjoni, b'mod partikolari dawk tal-14 u tas-16 ta' Frar 2007, kienu jikkostitwixxu ksur minħabba l-għan. F'dan il-kuntest, fil-punti 154 u 157 sa 160 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali evalwat dawn l-iskambji fid-dawl tad-duttrina tar-"restrizzjonijiet anċillari", wara li kkonstatat li l-imsemmija skambji kienu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE. Il-kumpanniji HSBC ma jikkontestawx dan ir-raġunament.

135 L-argumenti tal-kumpanniji HSBC li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ma ħaditx inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha tal-kuntest ekonomiku u ġuridiku, elementi favur il-kompetizzjoni tal-iskambji kontenzjużi huma fi kwalunkwe każ infondati. Fil-fatt, dawn l-argumenti ma humiex ta' natura li joħolqu dubju raġonevoli dwar jekk dawn l-iskambji kinux ta' ħsara suffiċjenti għall-kompetizzjoni sabiex jiġu kklassifikati bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan.

136 Fil-kontroreplika tagħha, il-Kummissjoni ssostni li s-sentenzi tat-30 ta' Jannar 2020, Generics (UK) *et* (C-307/18, EU:C:2020:52), u tat-2 ta' April 2020, Budapest Bank *et* (C-228/18, EU:C:2020:265), ma humiex tali li jsostnu t-teżi tal-kumpanniji HSBC. Barra minn hekk, dawn tal-aħħar rreferew għalxejn għar-rapport tal-perizja tagħhom, sa fejn ir-rilevanza ta' dan ir-rapport ġiet ġustament injoratata fil-punt 101 tas-sentenza appellata. Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li jsostnu dawn il-kumpanniji, il-Kummissjoni ma twettaqx klassifikazzjoni mill-ġdid tal-iskambji kontenzjużi, iżda tibbaża ruħha fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-prattiki li jistgħu jneħħu l-grad ta' inċertezza tal-kompetituri fis-suq. Fl-aħħar nett, anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tikkonkludi li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-effetti favur il-kompetizzjoni, din il-konklużjoni ma tistax twassal għall-annullament tas-sentenza appellata. Fil-fatt, l-argument tal-kumpanniji HSBC li l-iskambji huma favur il-kompetizzjoni ma jippermettix raġonevolment li tiġi ddubitata l-konstatazzjoni tal-Kummissjoni li l-iskambji kienu intiżi li joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni.

L-ewalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

137 Fir-rigward tal-iskambji fuq il-prezzijiet medjani, li huma s-suġġett ta' dan l-aggravju, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 138 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma kienet wettqet ebda żball meta rrilevat li l-iskambji li jinsabu fid-diskussjonijiet tal-14 u tas-16 ta' Frar 2007 kellhom għan li jirrestrinġi l-kompetizzjoni.

138 Permezz ta' dan l-aggravju, il-kumpanniji HSBC jargumentaw li l-Qorti Ġenerali applikat kriterju żbaljat sabiex tiċħad l-argumenti tagħhom ibbażati fuq l-eżistenza ta' effetti favur il-kompetizzjoni ta' dawn l-iskambji, li jistgħu jikkontestaw il-klassifikazzjoni bħala restrizzjoni minħabba l-għan fil-konfront tagħhom. Huma jikkritikaw, essenzjalment, lill-Qorti Ġenerali talli bbażat ruħha fuq id-duttrina tar-"restrizzjonijiet anċillari", li tirriżulta b'mod partikolari mis-sentenzi tal-11 ta' Lulju 1985, Remia *et* vs Il-Kummissjoni (42/84, EU:C:1985:327), u tal-11 ta' Settembru 2014, MasterCard *et* vs Il-Kummissjoni (C-382/12 P, EU:C:2014:2201).

139 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta l-partijiet għal ftehim jipprevalixxu ruħhom minn effetti favur il-kompetizzjoni marbuta miegħu, dawn għandhom, bħala elementi tal-kuntest ta' dan il-ftehim, jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tiegħu bħala "restrizzjoni minħabba l-għan" sa fejn huma jistgħu jikkontestaw l-evalwazzjoni globali tal-livell suffiċjentement dannuż tal-prattika kollużorja kkonċernata fir-rigward tal-kompetizzjoni u, konsegwentement, għall-klassifikazzjoni tagħha bħala "restrizzjoni minħabba l-għan" (sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, Generics (UK) *et*, C-307/18, EU:C:2020:52, punt 103).

140 Peress li t-teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn l-effetti favur il-kompetizzjoni ma għandhomx l-għan li tiġi eskluża l-klassifikazzjoni bħala "restrizzjoni tal-kompetizzjoni" fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE, iżda sempliċement li tinftiehem il-gravità oġġettiva tal-prattika kkonċernata u, konsegwentement, li jiġu stabbiliti l-modalitajiet ta' prova tagħha, dan bl-ebda mod ma jmur kontra l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li d-dritt Ewropew tal-kompetizzjoni ma jirrikonoxxix "regola ta' raġuni", li abbażi tagħha għandu jitwettaq ibbilanċjar tal-effetti favur u kontra l-kompetizzjoni ta' ftehim għall-klassifikazzjoni tiegħu bħala "restrizzjoni tal-kompetizzjoni" taħt l-Artikolu 101(1) TFUE (sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, Generics (UK) *et*, (C-307/18, EU:C:2020:52, punti 104, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

141 Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 154 tas-sentenza appellata, li, bl-eċċezzjoni tar-restrizzjonijiet anċillari għal operazzjoni prinċipali, huwa biss fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-Artikolu 101(3) TFUE li eventwali effetti favur il-kompetizzjoni jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni.

142 B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali applikat kriterju żbaljat meta ddeċidiet, fil-punt 155 tas-sentenza appellata, li kien l-obbligu tal-kumpanniji HSBC, jew li juru li d-diskussjonijiet dwar il-prezzijiet medjani kienu direttament marbuta u neċessarji għall-funzjonament tas-suq tal-EIRD, jew li kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 101(3) TFUE.

143 Tali żball wassalha sabiex ma teżaminax l-argumenti tal-kumpanniji HSBC bbażati fuq l-eżistenza ta' effetti favur il-kompetizzjoni marbuta mal-iskambji fuq il-prezzijiet medjani meta dawn tal-aħħar kienu ġew invokati minn dawn il-kumpanniji sabiex jikkontestaw il-klassifikazzjoni bħala restrizzjoni minħabba l-għan adottata fir-rigward ta' dawn l-iskambji.

144 Għaldaqstant, it-tielet aggravju għandu jintlaqa'.

Fuq ir-raba' aggravju

L-argumenti tal-partijiet

145 Permezz ta' dan l-aggravju, il-kumpanniji HSBC jikkritikaw il-punt 164 tas-sentenza appellata li fih il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li d-diskussjoni tat-12 ta' Frar 2007 kienet taqa' fil-kuntest tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 u għalhekk kienet qiegħda tipparteċipa fi ksur tal-Artikolu 101 TFUE, bħad-diskussjoni tas-16 ta' Frar 2007 sa fejn kienet tikkonsisti fi skambju fuq il-prezzijiet medjani. Billi bbażat ruħha fuq dan il-motiv biss sabiex tikkonkludi li ma kienx neċessarju li jiġi vverifikat jekk id-diskussjonijiet tat-12 u tas-16 ta' Frar 2007 kinux jaqgħu wkoll taħt il-klassifikazzjoni bħala ksur minħabba l-għan, il-Qorti Ġenerali manifestament żnaturat il-provi ppreżentati quddiemha.

146 Għaldaqstant, il-kumpanniji HSBC jargumentaw li d-diskussjoni tat-12 ta' Frar 2007 kienet tkopri żewġ konverżazzjonijiet distinti bejn iż-żewġ negozjanti kkonċernati, u din hija r-raġuni għaliex fir-rikors għal annullament tagħhom dawn il-kumpanniji kienu għamlu distinzjoni bejn dawn iż-żewġ konverżazzjonijiet. Kieku l-Qorti Ġenerali kienet ittrattat b'mod korrett l-ewwel konverżazzjoni bħala distinta mit-tieni waħda, hija kienet neċessarjament tikkonkludi li din l-ewwel konverżazzjoni ma kinitx tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 101 TFUE.

147 Fir-rigward tad-diskussjoni tas-16 ta' Frar 2007, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u ta' evalwazzjoni simili għal dak imsemmi fil-punt preċedenti, sa fejn f'dak il-jum seħħew żewġ konverżazzjonijiet distinti, jiġifieri, minn naħa, l-ewwel waħda fuq il-prezzijiet medjani u, min-naħa l-oħra, it-tieni waħda fuq tranżazzjoni iżolata li seħħet fil-passat u fuq pożizzjoni ta' negozjar attwali. Hekk kif irrikonoxxiet il-Qorti Ġenerali stess fil-punt 124 tas-sentenza appellata, l-ewwel konverżazzjoni kienet is-suġġett tal-ewwel ilment invokat fil-kuntest tat-tieni parti tal-ewwel motiv ta' annullament u t-tieni konverżazzjoni ġiet ikkontestata fil-kuntest tat-tieni lment ta' din il-parti. Għar-raġunijiet li jinsabu fir-rikors għal annullament, din it-tieni diskussjoni ma hijiex ta' natura li tirrestringi jew toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni.

148 Il-Kummissjoni tqis li dan l-aggravju huwa ineffettiv u, fi kwalunkwe każ, infondat.

L-ewalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

149 Permezz ta' dan l-aggravju, il-kumpanniji HSBC jikkritikaw il-punt 164 tas-sentenza appellata, li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, essenzjalment, li d-diskussjonijiet tat-12 u tas-16 ta' Frar 2007 kellhom konnessjoni mal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 jew kienu jirrigwardaw il-prezzijiet medjani, li kien jiġġustifika l-fatt li l-Kummissjoni ġustament qieset il-klassifikazzjoni bħala restrizzjoni minħabba l-għan fir-rigward ta' dawn id-diskussjonijiet. Huma jsostnu li din il-konklużjoni hija vvizzjata bi żnaturament tal-provi.

150 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, kif issostni l-Kummissjoni, dan l-aggravju huwa ineffettiv.

151 Fil-fatt, anki jekk jiġi preżunt li, kif isostnu l-kumpanniji HSBC, id-diskussjonijiet tat-12 u tas-16 ta' Frar 2007 għandhom jinftiehmu bħala li koprew diversi suġġetti li wħud minnhom ma kinux jirrigwardaw il-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 jew il-prezzijiet medjani, dawn il-kumpanniji ma jikkontestawx li dawn id-diskussjonijiet kellhom, tal-inqas parzjalment, għan antikompetittiv b'rabta ma' din il-manipulazzjoni.

152 Konsegwentement, dan l-aggravju ma jistax iwassal għall-annullament tas-sentenza appellata u għalhekk għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.

Fuq il-ħames aggravju

L-argumenti tal-partijiet

153 Permezz ta' dan l-aggravju, il-kumpanniji HSBC, sostnuti mill-intervenjenti, jikkontestaw il-punti 214 sa 229 tas-sentenza appellata li fihom il-Qorti Ġenerali qieset li l-aġir differenti identifikat mill-Kummissjoni kien isegwi għan uniku.

154 Il-kumpanniji HSBC jaqblu li, hekk kif il-Qorti Ġenerali ddeċidiet korrettament fil-punt 216 ta' dik is-sentenza, il-kunċett ta' "għan uniku" ma jistax jiġi ddeterminat b'riferiment ġenerali għad-distorsjoni tal-kompetizzjoni f'settur partikolari, peress li tali interpretazzjoni ċċaħħad il-kunċett ta' "ksur uniku u kontinwu" minn parti mis-sens tiegħu. Bl-istess mod, il-kumpanniji HSBC ma jikkontestawx il-konstatazzjoni li tinsab fil-punt 217 tal-imsemmija sentenza li tipprovdi li huma biss restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni li fir-rigward tagħhom intwera li dawn kellhom bħala għan li joħolqu distorsjoni tal-kors normali tar-rata fissa jew tar-rata varjabbli tal-EIRD, li jistgħu jaqgħu taħt l-għan uniku kkunsidrat mill-Kummissjoni.

155 Madankollu, il-Qorti Ġenerali evalwat b'mod żbaljat il-kwistjoni dwar jekk l-aġir tal-kumpanniji HSBC marbut mal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007, sa fejn din il-manipulazzjoni kienet tirrigwarda s-sottomissjonijiet lill-Euribor, l-iskambji l-oħra dwar il-pożizzjonijiet ta' negozjar kif ukoll l-intenzjonijiet u l-istrateġija fil-qasam tal-prezzijiet tal-EIRD, kellhomx għan uniku.

156 L-ewwel, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' t-tieni aggravju ta' dan l-appell, minn dan jirriżulta li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet, fil-punti 219 u 220 tas-sentenza appellata, li l-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 kellha l-għan antikompetittiv uniku identifikat mill-Qorti Ġenerali fil-punt 217 ta' dik is-sentenza.

157 It-tieni, fi kwalunkwe każ, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fil-punti 221 sa 225 tal-imsemmija sentenza, meta kkunsidrat li l-għan antikompetittiv tad-diskussjoni tas-27 ta' Marzu 2007 ma kienx ikkontestat.

158 Fil-fatt, il-kumpanniji HSBC qatt ma ammettew tali għan antikompetittiv u l-Kummissjoni lanqas ma wettqet tali konstatazzjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża. Għall-kuntrarju, l-unika parti tad-diskussjoni tas-27 ta' Marzu 2007 li din id-deċiżjoni identifikat bħala li tagħmel parti mill-ksur uniku u kontinwu hija l-iskambju ta' informazzjoni dwar id-daqs tal-pożizzjoni ta' negozjar tan-negozjant ta' Barclays bil-għan tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007. Għaldaqstant, anki jekk il-Qorti Ġenerali kkunsidrat ġustament, fil-punt 225 tas-sentenza appellata, li manipulazzjonijiet differenti tar-rati ta' referenza jistgħu, bħala prinċipju, jaqgħu taħt l-istess għan uniku, hija ssostitwixxiet il-motivazzjoni tagħha għal dik tal-Kummissjoni u b'hekk marret lil hinn mil-limiti tal-istħarriġ tagħha billi kkunsidrat li d-diskussjoni tas-27 ta' Marzu 2007 kellha dan l-għan uniku.

159 It-tielet, għal dak li jirrigwarda l-iskambji fuq il-pożizzjonijiet ta' negozjar kif ukoll dwar l-intenzjonijiet u l-istrateġija fil-qasam tal-prezzijiet, il-Qorti Ġenerali qieset b'mod żbaljat, fil-punt 228 tas-sentenza appellata, li d-diskussjonijiet tal-14 u tas-16 ta' Frar 2007, li kienu jirrigwardaw il-prezzijiet medjani, kellhom l-għan komuni li joħolqu distorsjoni tal-kors normali tar-rata fissa jew varjabbli tal-EIRD. Fil-fatt, ma hemm xejn fil-punti 139 sa 161 tas-sentenza appellata li jindika li d-diskussjonijiet fuq il-prezzijiet medjani kellhom tali għan. Jekk, kuntrarjament għal dak li jsostnu l-kumpanniji HSBC fil-kuntest tat-tielet aggravju, il-Qorti Ġenerali kellha raġun tqis li s-suġġett ta' dawn id-diskussjonijiet kien antikompetittiv, l-għan ta' dawn tal-aħħar ma kienx ikun dak ta' distorsjoni tal-kors normali tar-rata fissa jew varjabbli tal-EIRD, kif ġie deskritt fil-punt 217 tas-sentenza appellata. Il-mekkaniżmu deskritt fil-punti 139 sa 161 ta' din is-sentenza jirreferi għal sitwazzjoni differenti minn dik li tikkonsisti fid-distorsjoni tal-prezzijiet tal-EIRD.

160 Skont il-kumpanniji HSBC, il-punt 228 tas-sentenza appellata huwa bbażat għalhekk fuq żball ta' liġi. Il-Qorti Ġenerali kellha tikkonkludi li, jekk iż-żewġ diskussjonijiet dwar il-prezzijiet medjani kellhom jitqiesu bħala li jirrestringu l-kompetizzjoni minħabba l-għan tagħhom, aspett li dawn il-kumpanniji jikkontestaw fit-tielet aggravju, dawn id-diskussjonijiet xorta waħda kellhom għan differenti minn dak tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007.

161 Il-Kummissjoni ssostni li dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, peress li jwassal sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tintalab twettaq evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi. Fi kwalunkwe każ, skont il-Kummissjoni, meħuda individwalment, l-argumenti tal-kumpanniji HSBC insostenn tal-imsemmi aggravju huma inammissibbli jew ineffettivi jew infondati.

L-ewalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

162 Permezz ta' dan l-aggravju, il-kumpanniji HSBC jikkontestaw l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li wassluha sabiex tikkonkludi li ċertu aġir tagħhom jaqa' taħt l-għan uniku adottat mill-Kummissjoni, kif deskritt fil-punt 217 tas-sentenza appellata, bħala element li jikkostitwixxi ksur uniku u kontinwu.

163 Fl-ewwel lok, fir-rigward tad-diskussjoni tas-27 ta' Marzu 2007 dwar il-possibbiltà ta' manipulazzjoni futura tar-rati ta' referenza, il-kumpanniji HSBC iqisu, minn naħa, li l-Qorti Ġenerali bbażat ruħha fuq premessa żbaljata fil-punt 222 tas-sentenza appellata, billi affermat li l-għan restrittiv tal-kompetizzjoni mfittex minn din id-diskussjoni ma kienx ikkontestat minn dawn il-kumpanniji.

164 Fl-istadju ta' dan l-appell, il-kumpanniji HSBC sempliċement isostnu li huma qatt ma ammettew li l-imsemmija diskussjoni kellha tali suġġett. Madankollu, kif irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punt 222 tas-sentenza appellata, huwa stabbilit li huma ma fformulaw ebda motiv ta' annullament intiż sabiex jikkontesta l-fatt li t-tmiem tal-perijodu tal-ksur ikkonstatat fil-konfront tagħhom kien ġie ffissat għas-27 ta' Marzu 2007, jiġifieri fid-data tad-diskussjoni kontenzjuża. Issa, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li jinsabu fil-punti 216 u 217 ta' din is-sentenza, li ma humiex ikkontestati mill-kumpanniji HSBC, tali konstatazzjoni timplika neċessarjament li din id-diskussjoni kellha għan li tirrestringi l-kompetizzjoni.

165 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li aggravji ġodda, li ma jinsabux fir-rikors, ma jistgħux jiġu ppreżentati fl-appell, kif jirriżulta mill-Artikolu 127(1) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 190 ta' dawn ir-regoli, b'tali mod li l-argumenti tal-kumpanniji HSBC huma inammissibbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Novembru 2000, British Steel vs Il-Kummissjoni, C-1/98 P, EU:C:2000:644, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

166 Min-naħa l-oħra, billi jsostnu, permezz tal-argumenti tagħhom, li l-konklużjoni li tinsab fil-punt 222 tas-sentenza appellata tmur kontra l-konstatazzjonijiet li jinsabu fid-deċiżjoni kontenzjuża, il-kumpanniji HSBC essenzjalment jilmentaw li l-Qorti Ġenerali żnaturat din id-deċiżjoni.

167 Konformement ma' ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta jallega żnaturament tal-provi mill-Qorti Ġenerali, appellant għandu, skont l-Artikolu 256 TFUE, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 168(1)(d) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, jindika b'mod preċiż il-provi li allegatament ġew żnaturati mill-Qorti Ġenerali u juri l-iżbalji ta' analiżi li, fil-fehma tiegħu, wasslu lill-Qorti

Ġenerali għal dan l-iżnaturament. Barra minn hekk, żnaturament għandu jirriżulta b'mod manifest mill-annessi tal-proċess, mingħajr ma jkun meħtieġ li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi (sentenza tat-30 ta' Novembru 2016, Il-Kummissjoni vs Franza u Orange, C-486/15 P, EU:C:2016:912, punt 99 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

168 Fil-każ ineżami, ma jidhirx b'mod manifest mill-provi prodotti mill-kumpanniji HSBC li l-Qorti Ġenerali wettqet, fil-punt 222 tas-sentenza appellata, żnaturament tal-premessi 339, 358 u 491 tad-deċiżjoni kontenzjuża.

169 Għaldaqstant, l-argumenti tal-kumpanniji HSBC dwar id-diskussjoni tas-27 ta' Marzu 2007 huma inammissibbli.

170 Fit-tieni lok, fir-rigward tad-diskussjonijiet tal-14 u tas-16 ta' Frar 2007 dwar il-prezzijiet medjani, għandu jiġi kkonstatat li, bl-argumenti tagħhom, il-kumpanniji HSBC jikkontestaw l-evalwazzjonijiet fattwali li l-Qorti Ġenerali wettqet fir-rigward tal-għan imfittex minn dawn id-diskussjonijiet.

171 Issa, tali argument huwa inammissibbli fl-istadju tal-appell.

172 Fid-dawl ta' dan li ntqal, il-ħames aggravju għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

Fuq is-sitt aggravju

L-argumenti tal-partijiet

173 Permezz ta' dan l-aggravju, il-kumpanniji HSBC jikkontestaw il-konstatazzjoni tal-Qorti Ġenerali li tinsab fil-punti 255 sa 262 tas-sentenza appellata, li jipprovdu li dawn il-kumpanniji kienu jafu li kienu qegħdin jipparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu li kien jinkludi mhux biss il-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 iżda wkoll id-diskussjonijiet tad-19 u tas-27 ta' Marzu 2007 dwar il-possibbiltà li din il-manipulazzjoni tiġi rrepetuta.

174 Huma jippreċiżaw li l-imsemmi aggravju, li t-trattament tiegħu ma jiddependix kompletament minn dak irriżervat lill-ħames aggravju, jirrigwarda l-għarfien li dawn il-kumpanniji kellhom ta' ksur uniku u kontinwu sas-27 ta' Marzu 2007, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk id-diskussjoni dwar ir-repetizzjoni ta' manipulazzjoni f'din id-data kellhiex l-għan uniku identifikat mill-Qorti Ġenerali.

175 Fid-dawl tal-prinċipji applikabbli għall-kunċett ta' "ksur uniku u kontinwu" li, skont il-kumpanniji HSBC, ġustament tfakkru fil-punti 198, 260 u 261 tas-sentenza appellata, il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li tgħid li dawn il-kumpanniji pparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu sas-27 ta' Marzu 2007 hija bbażata fuq il-premessa li r-riferiment magħmul fis-27 ta' Marzu 2007 għall-perspettiva li tiġi rrepetuta l-manipulazzjoni tikkostitwixxi fiha nnifisha, minn naħa, ksur fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE u, min-naħa l-oħra, "miżura pożittiva partikolari" fis-sens tal-ġurisprudenza invokata mill-Qorti Ġenerali.

176 Madankollu, id-deċiżjoni mkien ma tindika li kwalunkwe diskussjoni dwar l-"eventwali repetizzjoni" tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 kellha titqies bħala aġir li jikkostitwixxi ksur fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE.

177 F'dan il-kuntest, fil-fehma tal-kumpanniji HSBC, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tikkonkludi, mingħajr ma tissostitwixxi illegalment il-motivazzjoni tagħha għal dik tal-Kummissjoni, li l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ksur uniku u kontinwu kompliet sas-27 ta' Marzu 2007, sempliċement abbażi tar-riferiment, magħmul fil-kuntest tal-laqgħa li saret f'din id-data, għall-perspettiva li tiġi rrepetuta l-manipulazzjoni.

178 Barra minn hekk, l-iskambju ta' informazzjoni tas-27 ta' Marzu 2007 dwar il-pożizzjonijiet ta' negozjar lanqas ma jista' jitqies bħala "miżura pożittiva partikolari", fis-sens tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tal-10 ta' Novembru 2017, Icap *et* vs Il-Kummissjoni (T-180/15, EU:T:2017:795, punt 223), li tiġġustifika li jitqies li l-ksur seħħ wara d-19 ta' Marzu 2007. Minkejja li dan l-iskambju ta' informazzjoni seħħ fis-27 ta' Marzu 2007, dan ma kellu ebda effett ieħor ħlief dak tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007.

179 Minn dan isegwi li l-konklużjoni li tinsab fil-punt 273 tas-sentenza appellata, li tipprovdi li l-parteċipazzjoni tal-kumpanniji HSBC fi ksur uniku u kontinwu tista' titqies fir-rigward tal-aġir tal-banek l-oħra li taqa' fil-kuntest tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 u tal-eventwali repetizzjoni tagħha, hija bbażata fuq żball ta' liġi.

180 Barra minn hekk, din il-konklużjoni hija bbażata fuq diviżjoni u interpretazzjoni żbaljata, mhux permessa mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-konklużjonijiet tad-deċiżjoni kontenzjuża, aspett li jikkostitwixxi, fih innifsu, żball ta' liġi.

181 Il-Kummissjoni tqis li t-trattament ta' dan l-aggravju jiddependi għalkollox mit-trattament tal-ħames aggravju u li dan il-aggravju għandu għalhekk jiġi miċħud għall-istess raġunijiet.

L-ewalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

182 Permezz ta' dan l-aggravju, il-kumpanniji HSBC jikkritikaw l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali li jinsabu fil-punti 255 sa 262 tas-sentenza appellata, relatati mad-diskussjoni tas-27 ta' Marzu 2007.

183 Fir-replika tagħhom, huma jippreċiżaw li dan l-aggravju ma jirrigwardax il-punt dwar jekk din id-diskussjoni kellhiex l-għan uniku identifikat mill-Qorti Ġenerali.

184 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-argumenti li l-kumpanniji HSBC jiżviluppaw insostenn tal-imsemmi aggravju huma intiżi, essenzjalment, sabiex isostnu li l-Qorti Ġenerali qieset b'mod żbaljat li din id-diskussjoni kellha għan antikompetittiv.

185 Għaldaqstant, hemm lok li jitqies li dan l-aggravju huwa inammissibbli għall-istess raġunijiet bħal dawk li ġġustifikaw l-inammissibbiltà tal-ħames aggravju.

Konklużjoni dwar l-appell

186 Peress li l-ewwel u t-tielet aggravju ntlaqgħu, is-sentenza appellata għandha tiġi annullata sa fejn tiċħad, fil-punt 2 tad-dispożittiv tagħha, ir-rikors tal-kumpanniji HSBC intiż għall-annullament tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kontenzjuża u, sussidjarjament, tal-Artikolu 1(b) ta' din id-deċiżjoni. Is-sentenza appellata tibqa' madankollu fis-seħħ sa fejn tannulla, fil-punt 1 ta' dan id-dispożittiv, l-Artikolu 2(b) tal-imsemmija deċiżjoni.

Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

187 Konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fil-każ li fih id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tiġi annullata, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi hija stess definittivament dwar il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża.

188 Hekk kif jirriżulta mill-punt 42 tas-sentenza appellata, fil-kuntest tar-rikors tagħhom, il-kumpanniji HSBC ippreżentaw, minn naħa, talbiet għall-annullament tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kontenzjuża u, sussidjarjament, tal-Artikolu 1(b) ta' din id-deċiżjoni. Min-naħa l-oħra, huma fformulaw talbiet għall-annullament tal-Artikolu 2(b) tal-imsemmija deċiżjoni kif ukoll talbiet għal riforma tal-ammont tal-multa imposta skont dan l-artikolu.

189 Għal dak li jirrigwarda t-talbiet għall-annullament tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kontenzjuża u, sussidjarjament, tal-Artikolu 1(b) ta' din id-deċiżjoni, il-kumpanniji HSBC iressqu, kif ġabret fil-qosor il-Qorti Ġenerali fil-punti 48 sa 51 tas-sentenza appellata, ħames motivi li jikkonċernaw:

– il-klassifikazzjoni bħala ksur minħabba l-għan adottata mill-Kummissjoni (l-ewwel motiv).

– il-klassifikazzjoni bħala ksur uniku u kontinwu adottata mill-Kummissjoni (it-tieni sar-raba' motivi);

– il-ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza, tad-dritt għal amministrazzjoni tajba u tad-drittijiet tad-difiża (il-ħames motiv).

190 Fid-dawl, b'mod partikolari, tal-fatt li dawn il-motivi kienu s-suġġett ta' dibattitu kontradittorju quddiem il-Qorti Ġenerali u li l-eżami tagħhom ma jeħtieġ li tiġi adottata ebda miżura addizzjonali ta' organizzazzjoni tal-proċedura jew ta' investigazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li r-rikors fil-Kawża T-105/17 huwa fi stat li jiġi deċiż fir-rigward ta' dawn il-motivi u li hemm lok li tittieħed deċiżjoni definittiva fuqu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Marzu 2021, Il-Kummissjoni vs Fútbol Club Barcelona, C-362/19 P, EU:C:2021:169, punt 108).

Fuq l-ewwel motiv, dwar il-klassifikazzjoni bħala ksur minħabba l-għan fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE

Fuq l-ewwel parti tal-motiv, li tikkontesta l-klassifikazzjoni bħala restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan applikata għall-manipulazzjoni tal-Euribor tad-19 ta' Marzu 2007

191 Għall-istess raġunijiet bħal dawk li jinsabu fil-punti 85 sa 114 tas-sentenza appellata, li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-intenzjoni li tadotta, u fid-dawl tal-punti 104 sa 126 ta' dik is-sentenza, hemm lok li din l-ewwel parti tiġi miċħuda.

Fuq it-tieni parti tal-motiv, dwar il-klassifikazzjoni bħala ksur minħabba l-għan applikata għall-aġir l-ieħor ikkritikat lill-kumpanniji HSBC

192 Hekk kif il-Qorti Ġenerali kkonstatat fil-punt 124 tas-sentenza appellata, l-argumenti tal-kumpanniji HSBC jistgħu jinqasmu f'żewġ ilmenti skont jekk jirrigwardawx il-fondatezza tal-klassifikazzjoni bħala restrizzjoni minħabba l-għan applikata mill-Kummissjoni għad-diskussjonijiet li hija ddeskriviet, minn naħa, bħala skambji fuq il-prezzijiet medjani jew, min-naħa l-oħra, bħala skambji fuq pożizzjonijiet ta' negozjar.

– *Fuq l-ilment li jikkontesta l-fondatezza tal-klassifikazzjoni bħala restrizzjoni minħabba l-għan applikata għall-iskambji fuq il-prezzijiet medjani*

193 Il-kumpanniji HSBC jikkontestaw il-fondatezza tal-klassifikazzjoni bħala restrizzjoni minħabba l-għan applikata għall-iskambji fuq il-prezzijiet medjani, jiġifieri għad-diskussjonijiet tal-14 u tas-16 ta' Frar 2007. Fil-fatt, minn naħa, dawn l-iskambji ma jirrestrinġux il-kompetizzjoni, sa fejn il-prezzijiet medjani ma jikkostitwixxux il-prezz jew komponent ta' prezz ta' derivattiv ta' rata ta' interessi. Min-naħa l-oħra, dawn l-iskambji jippermettu li jiġu proposti kundizzjonijiet iktar favorevoli għall-klijenti. Id-deċiżjoni kontenzjuża hija, f'dan ir-rigward, ivvizzjata bi żbalji manifesti ta' evalwazzjoni u b'nuqqas ta' motivazzjoni.

194 Il-Kummissjoni titlob li dan l-ilment jiġi miċħud.

195 Fir-rigward tal-argumenti dwar l-assenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni tal-kummerċ fuq il-prezzijiet medjani fid-dawl tan-natura ta' dawn il-prezzijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja, billi adottat il-motivi li jinsabu fil-punti 139 sa 148 tas-sentenza appellata, tqis li l-Kummissjoni ma wettqitx żball meta rrilevat li dawn l-iskambji kellhom għan li jirrestrinġi l-kompetizzjoni.

196 Fir-rigward tal-argument ibbażat fuq in-natura allegatament favur il-kompetizzjoni tal-imsemmija skambji, mill-punti 139 u 140 ta' din is-sentenza jirriżulta li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-effetti favur il-kompetizzjoni ta' prattika partikolari ma għandux l-għan li jeskludi l-klassifikazzjoni bħala "restrizzjoni tal-kompetizzjoni", fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE. Tali effetti għandhom madankollu jittieħdu debitament inkunsiderazzjoni bħala element tal-kuntest ta' din il-prattika għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tagħha bħala "restrizzjoni minħabba l-għan", sa fejn dawn jistgħu jikkontestaw l-evalwazzjoni globali tal-livell suffiċjentement dannuż tal-prattika kollużorja kkonċernata fir-rigward tal-kompetizzjoni.

197 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan it-teħid inkunsiderazzjoni jippreżumi li l-effetti favur il-kompetizzjoni mhux biss ikunu pprovati u rilevanti, iżda wkoll speċifiċi għall-ftehim ikkonċernat. Barra minn hekk, is-sempliċi preżenza ta' tali effetti favur il-kompetizzjoni ma tistax, bħala tali, twassal għall-esklużjoni tal-klassifikazzjoni bħala "restrizzjoni minħabba l-għan". Anki jekk jiġi preżunt li huma pprovati, rilevanti u speċifiċi għall-ftehim ikkonċernat, dawn l-effetti favur il-kompetizzjoni għandhom ikunu suffiċjentement sinjifikattivi, b'tali mod li jippermettu li tiġi ddubitata raġonevolment in-natura suffiċjentement dannuża għall-kompetizzjoni tal-ftehim ikkonċernat, u, għaldaqstant, tal-għan antikompetittiv tiegħu (sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, Generics (UK) *et*, (C-307/18, EU:C:2020:52, punti 105 sa 107).

198 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-argumenti tal-kumpanniji HSBC huma bbażati fuq l-affermazzjoni li huwa fl-interess tal-klijenti ta' bank li huwa l-ġeneratur tas-suq li dan inaqqas l-inċertezza fir-rigward tal-livell tal-"mid" tas-suq sabiex titnaqqas id-differenza xerrej/bejjiegħ. Tali tnaqqis fl-inċertezza b'hekk jippermetti lin-negozjanti jipproponu prezzijiet iktar favorevoli għal dawn il-klijenti.

199 Issa, anki jekk wieħed jipreżumi li dan ġie pprovat, tali affermazzjoni hija insuffiċjenti sabiex raġonevolment tippermetti li tiġi ddubitata n-natura suffiċjentement dannuża għall-kompetizzjoni tal-iskambji inkwistjoni.

200 Fil-fatt, il-kumpanniji HSBC jirrikonoxxu huma stess li l-"mids" jirriflettu n-negozjati bilaterali u privati bejn il-ġeneraturi tas-suq u li t-tnaqqis tal-inċertezza fuq il-prezzijiet medjani li jirriżulta minnu jippermetti li jitnaqqsu r-riskji li n-negozjanti jieħdu minħabba l-attività tagħhom ta' ġeneraturi tas-suq.

201 Fil-premessa 395 tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni enfasizzat li dawn l-iskambji kienu jmorru lil hinn sew minn skambju ta' informazzjoni li taqa' taħt il-qasam pubbliku u kellhom bħala għan li jżidu t-trasparenza bejn il-partijiet u, għaldaqstant, li jnaqqsu b'mod sinjifikattiv l-inċertezzi normali inerenti fis-suq, b'benefiċċju għall-partijiet u bi ħsara għall-operaturi tas-suq l-oħrajn. Hija qieset li l-banek li pparteċipaw fl-akkordju kienu b'hekk żvelaw informazzjoni dwar l-aspetti fundamentali tal-istrateġija u tal-aġir tagħhom fis-suq, li kien inaqqas b'mod sinjifikattiv l-inċertezzi inerenti għal suq li fih il-ġestjoni tar-riskju u tal-inċertezzi jikkostitwixxu wieħed mill-parametri ewlenin tal-kompetizzjoni.

202 Issa, kif tfakkar fil-punti 113 u 114 tas-sentenza preżenti, ir-rekwiżit ta' awtonomija inerenti fl-Artikolu 101 TFUE jipprekludi b'mod rigoruż kwalunkwe kuntatt dirett jew indirett bejn tali negozjanti ta' natura li jinfluwenza l-aġir fis-suq ta' kompetitur attwali jew potenzjali, jew li jiżvela lil tali kompetitur l-aġir li huwa ddeċieda li jadotta f'dan is-suq jew li huwa ppreveda li jadotta fih, meta dawn il-kuntatti jkollhom bħala għan jew bħala effett li jwasslu għal kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni li ma jikkorrispondux għal kundizzjonijiet normali tas-suq inkwistjoni.

203 Għaldaqstant, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 116 tas-sentenza preżenti, skambju ta' informazzjoni li jista' jelimina inċertezzi f'moħħ il-persuni kkonċernati fir-rigward tad-data, tal-portata u tal-modalitajiet tal-adattament tal-aġir fis-suq li l-impriżi kkonċernati ser jimplimentaw għandu jiġi kkunsidrat bħala li jsegwi għan antikompetittiv indipendentement mill-effetti diretti fuq il-prezzijiet imħallsa mill-konsumaturi finali.

204 Sa fejn il-Kummissjoni kkonstatat li l-iskambji fuq il-prezzijiet medjani naqqsu b'mod sinjifikattiv l-inċertezzi inerenti għal suq li fuqu l-ġestjoni tar-riskju u tal-inċertezzi tikkostitwixxi wieħed mill-parametri ewlenin tal-kompetizzjoni, din il-konstatazzjoni hija suffiċjenti sabiex jiġi rrikonoxxut li dawn l-iskambji kienu jinvolvu restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE.

205 F'dan il-kuntest, l-argument tal-kumpanniji HSBC li dawn l-iskambji ppermettew li jiġu proposti prezzijiet iktar favorevoli għall-klijenti tal-banek ikkonċernati ma jippermettix li tiġi raġonevolment iddubitata n-natura dannuża ta' dawn l-iskambji fir-rigward tal-kompetizzjoni fis-suq ikkonċernat.

206 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-ilment li jikkontesta l-fondatezza tal-klassifikazzjoni bħala restrizzjoni minħabba l-għan applikata għall-iskambji fuq il-prezzijiet medjani għandu jiġi miċħud.

– Fuq l-ilment li jikkontesta l-fondatezza tal-klassifikazzjoni bħala restrizzjoni minħabba l-għan applikata għall-iskambji fuq pożizzjonijiet ta' negozjar

207 Għall-istess motivi bħal dawk li jinsabu fil-punti 162 sa 164 tas-sentenza appellata u fid-dawl tal-punti 151 u 152 ta' din is-sentenza, għandhom jiġu miċħuda l-argumenti tal-kumpanniji HSBC dwar il-klassifikazzjoni, minn naħa, tad-diskussjonijiet tat-13 u tat-28 ta' Frar, kif ukoll tad-19 ta' Marzu 2007 u, min-naħa l-oħra, tat-12 u tas-16 ta' Frar 2007.

208 Peress li l-punti 165 sa 195 tas-sentenza appellata ma ġewx ikkontestati fil-kuntest ta' dan l-appell, hemm lok li jitqies li l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar dan l-ilment kisbu l-awtorità ta' *res judicata*.

Fuq it-tieni sar-raba' motiv, li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni bħala ksur uniku u kontinwu applikat mill-Kummissjoni.

209 It-tieni sar-raba' motiv għandhom jiġu eżaminati bl-istess mod bħal dak magħżul mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata.

210 It-tieni motiv li bih il-kumpanniji HSBC jikkontestaw l-eżistenza ta' "pjan ġenerali" li għandu għan uniku għandu jiġi miċħud għall-istess motivi bħal dawk li jinsabu fil-punti 209 sa 237 tas-sentenza appellata u fid-dawl tal-punti 162 sa 172 tas-sentenza preżenti.

211 Fir-rigward tar-raba' motiv li bih il-kumpanniji HSBC jikkontestaw l-għarfien minn dawn tal-aħħar tal-aġir li jikkostitwixxi ksur tal-parteċipanti l-oħra, hemm lok, bħalma għamlet il-Qorti Ġenerali fil-punt 247 tas-sentenza appellata, li ssir distinzjoni bejn, minn naħa, il-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 u l-possibbiltà tar-repetizzjoni tagħha u, min-naħa l-oħra, l-aġir l-ieħor meħud inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni għall-ksur uniku u kontinwu.

212 Fl-ewwel lok, l-argumenti tal-kumpanniji HSBC relatati mal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 u mal-possibbiltà tar-repetizzjoni tagħha għandhom jiġu miċħuda għall-istess motivi bħal dawk li jinsabu fil-punti 248 sa 262 tas-sentenza appellata u fid-dawl tal-punti 182 sa 185 tas-sentenza preżenti.

213 Fit-tieni lok, peress li l-motivi li jinsabu fil-punti 263 sa 274 tas-sentenza appellata ma ġewx ikkontestati fil-kuntest ta' dan l-appell, hemm lok li jitqies li l-evalwazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali dwar l-għarfien mill-kumpanniji HSBC tal-parteċipazzjoni ta' banek oħra fl-aġir l-ieħor li jaqa' taħt il-ksur uniku u kontinwu kisbu l-awtorità ta' *res judicata*.

214 Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-tielet motiv, dwar l-intenzjoni tal-kumpanniji HSBC li jipparteċipaw fil-ksur uniku u kontinwu, il-motivi li jinsabu fil-punti 275 sa 280 tas-sentenza appellata ma ġewx ikkontestati fil-kuntest ta' dan l-appell u, konsegwentement, kisbu l-awtorità ta' *res judicata*.

Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza, tad-dritt għal amministrazzjoni tajba u tad-drittijiet tad-difiża

L-argumenti tal-partijiet

215 Il-kumpanniji HSBC isostnu li d-deċiżjoni ta' riżolviment iġġudikat minn qabel ir-responsabbiltà ta' HSBC u imminat irrimedjabbilment id-dritt tagħhom għal smigħ. Huma jiddeduċu minn dan li d-deċiżjoni kontenzjuża għandha tiġi annullata minħabba ksur, minn naħa, tal-prinċipju tal-preżunzjoni ta' innoċenza u, min-naħa l-oħra, tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża. Huma jirreferu wkoll għad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissarju li f'dak iż-żmien kien responsabbli mill-politika tal-kompetizzjoni dwar l-eżitu tal-istħarriġ dwar l-EIRD u qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża. Huma jenfasizzaw ukoll li ma kellhomx il-possibbiltà li jippreżentaw osservazzjonijiet fuq id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet indirizzata lill-partijiet li ddeċidew li jaslu għal riżolviment.

216 Il-Kummissjoni titlob li dan il-motiv jiġi miċħud.

L-ewalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

– *Fuq il-ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza u tad-drittijiet tad-difiża*

217 Il-kumpanniji HSBC jargumentaw li l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' riżolviment fil-kuntest tal-proċedura ibrida wasslet għal ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza sa fejn din id-deċiżjoni ġġudikat minn qabel ir-responsabbiltà tagħhom u imminat irrimedjabbilment id-dritt tagħhom għal smigħ.

218 Hekk kif tfakkar fil-punt 90 ta' din is-sentenza, sabiex tiġi mistħarrġa l-osservanza tal-preżunzjoni ta' innoċenza mill-Kummissjoni fil-kuntest ta' proċedura ibrida, hija l-qorti tal-Unjoni li għandha tanalizza deċiżjoni li ttemm il-proċedura għar-riżolviment u l-motivazzjoni tagħha kollha kemm hi u fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari li fihom din ġiet adottata.

219 Konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 79 u 80 tas-sentenza preżenti, għandu jiġi vverifikat, minn naħa, jekk il-Kummissjoni ħaditx il-prekawzjonijiet redazzjonali suffiċjenti fid-deċiżjoni ta' riżolviment sabiex jiġi evitat ġudizzju prematur fir-rigward tal-parteċipazzjoni ta' HSBC fl-akkordju u, min-naħa l-oħra, jekk ir-riferimenti għal dawn il-kumpanniji li jinsabu f'din id-deċiżjoni kinux neċessarji.

220 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-prekawzjonijiet redazzjonali li l-Kummissjoni kienet obbligata tieħu, id-deċiżjoni ta' riżolviment kienet tinkludi, kif barra minn hekk irrilevat il-Kummissjoni fil-premessa 529 tad-deċiżjoni kontenzjuża, diversi riżervi espliċiti sabiex tevita li tiġi stabbilita kwalunkwe responsabbiltà tal-partijiet li ma waslux għal riżolviment, b'mod partikolari tal-kumpanniji HSBC.

221 Għaldaqstant, fil-premessa 3 tad-deċiżjoni ta' riżolviment, il-Kummissjoni ppreċiżat li din id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq il-fatti rrikonoxxuti biss mill-partijiet għar-riżolviment f'dan l-istadju tal-proċedura u li l-imsemmija deċiżjoni ma kinitx tistabbilixxi r-responsabbiltà

tal-partijiet li ma waslux għal riżolviment għal kwalunkwe parteċipazzjoni fi ksur tad-dritt tal-Unjoni tal-kompetizzjoni fil-kawża inkwistjoni. Tali preċiżazzjoni ttenniet fil-premessa 40 tal-istess deċiżjoni.

222 Bl-istess mod, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4 tad-deċiżjoni ta' riżolviment, il-Kummissjoni indikat li l-aġir imsemmi f'din id-deċiżjoni li kien jikkonċerna lill-partijiet li ma waslux għal riżolviment kien invokat esklużivament sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-partijiet li waslu għal riżolviment għall-ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE.

223 Fid-dawl ta' dawn l-elementi, għandu jitqies li l-Kummissjoni ħadet prekawzjonijiet redazzjonali suffiċjenti billi enfasizzat il-fatt li hija ma kinitx mitluba tiddeċiedi dwar il-parteċipazzjoni tal-kumpanniji HSBC fl-allegat akkordju.

224 B'dan il-mod, il-Kummissjoni evitat kull preġudizzju intenzjonat, jew saħansitra definittiv, dwar ir-responsabbiltà ta' dawn il-kumpanniji. Bl-istess mod, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 80 tas-sentenza preżenti, hija astjeniet milli tesprimi kwalunkwe ġudizzju minn qabel, anki jekk sempliċement potenzjali, li jirrigwarda din ir-responsabbiltà (ara, b'analoġija, s-sentenza tat-18 ta' Marzu 2021, Pometon vs Il-Kummissjoni, C-440/19 P, EU:C:2021:214, punt 76).

225 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-punt dwar jekk ir-riferimenti magħmula għall-kumpanniji HSBC fid-deċiżoni ta' riżolviment kinux neċessarji, għandu jitfakkar li, fil-kuntest ta' proċedura ibrida li twassal għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet suċċessivi, il-Kummissjoni għandha, taħt l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni, tevita li tikkomunika iktar informazzjoni dwar l-involviment ta' terz, li ma hijiex neċessarja għall-klassifikazzjoni tar-responsabbiltà tad-destinatarji ta' din id-deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Marzu 2021, Pometon vs Il-Kummissjoni, C-440/19 P, EU:C:2021:214, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata).

226 F'dan ir-rigward, mill-premessi 3, 36, 37 u 40 kif ukoll min-nota ta' qiegħ il-paġna 4 tad-deċiżjoni ta' riżolviment jirriżulta li d-deskrizzjoni tal-avvenimenti li jinsabu f' din id-deċiżjoni llimitat ir-riferiment għall-partijiet li ma waslux għal riżolviment għal dak li kien strettament neċessarju għall-bżonnijiet ta' komprensjoni tajba tal-fatti tal-każ.

227 Bl-istess mod, fl-evalwazzjoni ġuridika, ma sar l-ebda riferiment individwali għall-partijiet li ma waslux għal riżolviment, individwalment jew flimkien. Barra minn hekk, fid-dawl tal-prekawzjonijiet redazzjonali meħuda mill-Kummissjoni, id-deċiżjoni ta' riżolviment ma fformulat ebda konklużjoni fir-rigward ta' dawn il-partijiet.

228 Kif enfasizzat il-Kummissjoni fil-premessa 533 tad-deċiżjoni kontenzjuża, f'dan il-kuntest, ir-riferimenti rari magħmula fid-deċiżjoni ta' riżolviment għall-parteċipazzjoni ta' intervenjenti li ma humiex partijiet għar-riżolviment ma jistgħux jippermettu li tintlaħaq kwalunkwe konklużjoni dwar il-partijiet li ma waslux għal riżolviment.

229 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li dawn ir-riferimenti kienu strettament neċessarji għall-komprensjoni u għall-istabbiliment tal-fatti, b'tali mod li huma kienu kompatibbli mal-preżunzjoni ta' innoċenza.

230 Tali konstatazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-argumenti tal-kumpanniji HSBC ibbażati fuq il-fatt li, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 4 tad-deċiżjoni ta' riżolviment, il-Kummissjoni ddefinixxiet it-terminu "partijiet" bħala "l-impriżi kollha li huma s-suġġett tal-proċedura" u li din għamlet riferiment, b'mod partikolari fil-premessa 36 ta' din id-deċiżjoni, għall-kuntatti bilaterali bejn Barclays u dawn il-kumpanniji fid-deskrizzjoni tal-prattiki inkwistjoni.

231 Fil-fatt, ir-riferimenti għall-partijiet li ma waslux għal riżolviment, inklużi l-kumpanniji HSBC, ma humiex ħafna u, kuntrarjament għal dak li jissuġġerixxu dawn tal-aħħar, ma jidhrux fit-Taqsima 5 tad-deċiżjoni ta' riżolviment, intitolata "Evalwazzjoni Ġuridika". Barra minn hekk, hekk kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet imsemmija b'mod partikolari fil-punt 226 tas-sentenza preżenti, dawn ir-riferimenti għandhom biss natura deskrittiva u ma jwasslu għall-ebda evalwazzjoni, espliċita jew impliċita, tas-sitwazzjoni legali ta' dawn il-kumpanniji. Fil-kuntest ta' proċedura ibrida li wasslet għall-adozzjoni suċċessiva ta' żewġ deċiżjonijiet, l-imsemmija referenzi jidhru li huma oġġettivament neċessarji sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tal-partijiet għar-riżolviment.

232 Għaldaqstant, l-argumenti tal-kumpanniji HSBC ibbażati fuq il-fatt li d-deċiżjoni ta' riżolviment tinkludi elementi li wasslu għal ksur tal-preżunzjoni ta' innoċenza, għandhom jiġu miċħuda.

233 Għandhom jiġu miċħuda wkoll l-argumenti bbażati fuq il-fatt li din id-deċiżjoni ppreġudikat id-drittijiet tad-difiża ta' dawn il-kumpanniji, sa fejn ma huwiex ikkontestat li l-Kummissjoni bagħtitilhom dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li huma kellhom aċċess għall-fajl u li huma kienu f'pożizzjoni li jagħtu l-perspettiva tagħhom qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża.

– *Fuq il-ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba*

234 Fl-ewwel lok, il-kumpanniji HSBC isostnu li d-dikjarazzjonijiet pubbliċi tal-Kummissarju li f'dak iż-żmien kien responsabbli mill-politika tal-kompetizzjoni magħmula matul is-snin 2012 u 2014 wasslu għal ksur, mill-Kummissjoni, tad-dritt għal amministrazzjoni tajba.

235 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni huma obbligati jirrispettaw id-drittijiet fundamentali ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni, fosthom id-dritt għal amministrazzjoni tajba, stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta. L-ewwel paragrafu ta' dan l-artikolu jipprovdi b'mod partikolari li kull persuna għandha d-dritt li dak kollu li jirrigwardaha jiġi ttrattat b'mod imparzjali mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni.

236 Ir-rekwiżit ta' imparzjalità huwa intiż li jiggarantixxi l-ugwaljanza fit-trattament li fuqha hija bbażata l-Unjoni. Dan ir-rekwiżit huwa intiż, b'mod partikolari, li jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interessi possibbli fir-rigward ta' uffiċjali u ta' membri tal-persunal li jaġixxu għan-nom tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-organi. Fid-dawl tal-importanza fundamentali tal-garanzija ta' indipendenza u ta' integrità f'dak li jirrigwarda kemm il-funzjonament intern kif ukoll l-immaġini esterna tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-organi tal-Unjoni, ir-rekwiżit ta' imparzjalità jkopri kull ċirkustanza li l-uffiċjal jew il-membri tal-persunal li għandu jiddeċiedi dwar kwistjoni għandu raġonevolment jifhem, li jistgħu jidhru, f'għajnejn terzi, li jistgħu jaffettwaw l-indipendenza tiegħu fil-qasam inkwistjoni (sentenza tas-27 ta' Marzu 2019, August Wolff u Remedia vs Il-Kummissjoni, C-680/16 P, EU:C:2019:257, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

237 Kif tfakkar fil-punt 77 ta' din is-sentenza, huma l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni li għandhom jikkonformaw ruħhom mar-rekwiżit ta' imparzjalità fiż-żewġ komponenti tiegħu li huma, minn naħa, l-imparzjalità suġġettiva, li tipprovdi li ebda membru tal-istituzzjoni kkonċernata li huwa responsabbli mill-kawża ma għandu juri li ħa pożizzjoni jew li għandu preġudizzju personali, u, min-naħa l-oħra, l-imparzjalità oġġettiva, li tipprovdi li din l-istituzzjoni għandha toffri garanziji suffiċjenti sabiex jiġi eskluż kwalunkwe dubju leġittimu dwar il-possibbiltà ta' ġudizzju minn qabel.

238 Sa fejn il-kumpanniji HSBC jikkontestaw id-dikjarazzjonijiet pubbliċi tal-Kummissarju li f'dak iż-żmien kien responsabbli mill-politika tal-kompetizzjoni, għandu jitqies li l-ilment tagħhom jirrigwarda essenzjalment l-ewwel komponent tal-prinċipju ta' imparzjalità.

239 F'dan ir-rigward, għandha ssir distinzjoni bejn id-dikjarazzjonijiet magħmula matul is-sena 2012, li seħħew qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' riżolviment, u dawk magħmula matul is-sena 2014, li seħħew wara l-adozzjoni tagħha.

240 Fir-rigward, minn naħa, tad-dikjarazzjonijiet magħmula matul is-sena 2012, għandu jiġi kkonstatat li dawn id-dikjarazzjonijiet baqgħu ġenerali b'tali mod li ma jistgħux jitqiesu li huma l-espressjoni ta' teħid ta' pożizzjoni jew ta' preġudizzju ta' ħtija tal-Kummissarju li dak iż-żmien kien responsabbli mill-politika tal-kompetizzjoni fil-konfront tal-kumpanniji HSBC.

241 Fir-rigward, min-naħa l-oħra, tad-dikjarazzjonijiet magħmula matul is-sena 2014, il-kumpanniji HSBC jargumentaw li l-Kummissarju li dak iż-żmien kien responsabbli mill-politika tal-kompetizzjoni pubblikament għamel kummenti li jagħtu x'jifhem li huwa kien diġà wasal għal konklużjoni qabel l-għeluq tal-investigazzjoni.

242 Ċertament, uħud minn dawn id-dikjarazzjonijiet juru lingwaġġ li ma jikkorrispondix għall-kawtela li kienet mistennija mill-membru tal-Kummissjoni responsabbli mill-politika tal-kompetizzjoni fil-kuntest ta' kawża pendenti. Madankollu, dawn id-dikjarazzjonijiet ma humiex ta' natura li jqajmu dubju dwar l-imparzjalità li biha l-Kummissjoni mexxiet l-investigazzjoni tagħha dwar il-ksur inkwistjoni. Għaldaqstant, l-imsemmija dikjarazzjonijiet ma jivvizzjawx, waħedhom, il-legalità tad-deċiżjoni kontenzjuża adottata mill-kulleġġ tal-membri tal-Kummissjoni.

243 Fil-fatt, minn dawn id-dikjarazzjonijiet jirriżulta li l-Kummissarju li dak iż-żmien kien responsabbli mill-politika tal-kompetizzjoni llimita ruħu li jinforma lill-pubbliku dwar investigazzjoni pendenti billi indika li din il-kawża kienet ser titkompla wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' riżolviment. F'dan il-kuntest, l-imsemmija dikjarazzjonijiet ma kinux jiżvelaw informazzjoni li ma kinitx tinsab f'din id-deċiżjoni. Il-fatt li dawn id-dikjarazzjonijiet kienu juru li l-Kummissjoni kienet qiegħda tipprepara dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet fir-rigward tal-partijiet li ma waslux għal riżolviment ma jippermettix li jiġi konkluż, fid-dawl tan-natura provviżorja ta' dan id-dokument, li l-Kummissjoni kienet waslet għal konklużjoni dwar ir-responsabbiltà tagħhom qabel l-għeluq tal-investigazzjoni. Lanqas ma hija ta' natura li tissuġġerixxi l-eżistenza, min-naħa ta' dan il-kummissarju, ta' pożizzjoni meħuda jew ta' preġudizzju ta' ħtija fil-konfront tal-kumpanniji HSBC.

244 Fl-aħħar nett, għandu jiġi miċħud l-argument tal-kumpanniji HSBC li jipprovdi li l-Ombudsman Ewropew ikkonstata każ ta' amministrazzjoni żbaljata li tikkonċerna lill-Kummissarju li dak iż-żmien kien responsabbli mill-politika tal-kompetizzjoni minħabba d-dikjarazzjonijiet pubbliċi msemmija fil-punt 234 tas-sentenza preżenti.

245 Fil-fatt, għandu jitfakkar li l-konklużjonijiet tal-Ombudsman li jikkonstataw l-eżistenza ta' "att ta' amministrazzjoni żbaljata" ma jorbtux lill-qorti tal-Unjoni u jikkostitwixxu biss sempliċi indizju tal-ksur, mill-istituzzjoni kkonċernata, tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. Fil-fatt, il-proċedura quddiem l-Ombudsman, li ma għandux is-setgħa li jieħu deċiżjonijiet vinkolanti, hija rimedju alternattiv extraġudizzjarju għaċ-ċittadini tal-Unjoni għal dak ta' azzjoni quddiem il-qorti tal-Unjoni, li jissodisfa kriterji speċifiċi u ma għandux neċessarjament l-istess għan bħal dak ta' azzjoni ġudizzjarja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2007, Komninou *et* vs Il-Kummissjoni, C-167/06 P, mhux ippubblikata, EU:C:2007:633, punt 44).

246 Issa, fid-dawl tal-motivi li jinsabu fil-punti 240 sa 243 tas-sentenza preżenti, il-konklużjonijiet tal-Ombudsman dwar id-dikjarazzjonijiet pubbliċi msemmija fil-punt 234 ta' din is-sentenza ma jistgħux, fihom infushom jew evalwati flimkien mal-elementi l-oħra tal-fajl, jistabbilixxu l-eżistenza ta' ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba.

247 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal, l-argumenti tal-kumpanniji HSBC ibbażati fuq ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba għandhom jiġu miċħuda u, sussegwentement, il-ħames motiv ukoll.

Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

248 Ir-rikors tal-kumpanniji HSBC, sa fejn huwa intiż għall-annullament tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kontenzjuża u, sussidjarjament, tal-Artikolu 1(b) ta' din id-deċiżjoni, huwa miċħud.

Fuq l-ispejjeż

249 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

250 Skont l-Artikolu 138(1) tal-istess regoli, applikabbli għall-proċedura tal-appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tagħhom, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ntalbu. L-Artikolu 138(3) tal-imsemmija regoli jipprevi li, jekk il-partijiet jitilfu rispettivament waħda jew iktar mit-talbiet tagħhom, kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

251 Fil-każ ineżami, il-kumpanniji HSBC talbu li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż relatati mal-proċeduri tal-ewwel istanza u tal-appell u din tilfet it-talbiet tagħha fl-istadju tal-appell kif ukoll, parzjalment, it-talbiet tagħha fl-ewwel istanza. Il-kumpanniji HSBC tilfu parzjalment it-talbiet tagħhom fl-ewwel istanza.

252 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż tal-appell. Fir-rigward tal-ispejjeż relatati mar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

253 Barra minn hekk, skont id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikolu 140(3) u tal-Artikolu 184(1) tal-istess Regoli tal-Proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiddeċiedi li intervenjent għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

254 Il-kumpanniji tal-Crédit agricole u l-kumpanniji JP Morgan Chase, bħala intervenjenti fl-appell, għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-24 ta' Settembru 2019, HSBC Holdings *et* vs Il-Kummissjoni (T-105/17, EU:T:2019:675), hija annullata sa fejn tiċħad, fil-punt 2 tad-dispożittivi tagħha, ir-rikors ippreżentat fil-Kawża T-105/17 minn HSBC Holdings plc, HSBC Bank plc u HSBC France, li saret HSBC Continental Europe, intiż għall-annullament tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2016) 8530 final tas-7 ta' Diċembru 2016 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 [TFUE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39914 — Derivattivi tar-Rati tal-Imgħax f'Euro) u, sussidjarjament, tal-Artikolu 1(b) ta' din id-deċiżjoni.**

2) **Ir-rikors ippreżentat fil-Kawża T-105/17 minn HSBC Holdings plc, HSBC Bank plc u HSBC France, li saret HSBC Continental Europe, intiż għall-annullament tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni C (2016) 8530 final u, sussidjarjament, tal-Artikolu 1(b) ta' din id-deċiżjoni, huwa miċħud.**

3) **Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbati l-ispejjeż tagħha u dawk tal-HSBC Holdings plc, ta' HSBC Bank plc u ta' HSBC Continental Europe, li kienet HSBC France, relatati mal-appell kif ukoll tbati l-ispejjeż tagħha relatati mal-proċedura fl-ewwel istanza.**

4) **HSBC Holdings plc, HSBC Bank plc u HSBC Continental Europe, li kienet HSBC France, huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom relatati mal-proċedura fl-ewwel istanza.**

5) **Crédit agricole SA u Crédit agricole Corporate and Investment Bank għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom relatati mal-appell.**

6) **JP Morgan Chase & Co. u JP Morgan Chase Bank, National Association, għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom relatati mal-appell.**

Firem